IL-FIL EKOLOĠIKU

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2019



Bank Ewropew tal-Investiment

il-bank tal-UE

IL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT

IL-FIL EKOLOĠIKU

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2019



Bank Ewropew tal-Investiment

il-bank tal-UE

Rapport tal-Attività tal-Bank Ewropew tal-Investiment 2019

© Bank Ewropew tal-Investiment, 2020.
98-100, boulevard Konrad Adenauer – L-2950 Luxembourg
+352 4379-1
info@eib.org
www.eib.org
twitter.com/eib
facebook.com/europeaninvestmentbank
youtube.com/eibtheeubank

Kull dritt riżervat.
Kwalunkwe mistoqsija dwar drittijiet u liċenzjar għandha tiġi indirizzata lil publications@eib.org

Għal aktar informazzjoni dwar l-attivitajiet tal-BEI, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna, www.eib.org.
Tista' tikkuntattjana wkoll fuq info@eib.org. Irċievi n-newsletter elettronika tagħna fuq www.eib.org/sign-up

Ippubblikat mill-Bank Ewropew tal-Investiment.
Edituri: It-Tim Editorjali tal-BEI
Tqassim: EIB GraphicTeam

Stampat fuq Karta FSC. Kopertina: Soporset Premium Offset, FSC Mix; ġewwa: Munken Polar, bouffant 1.13, FSC Mix

Il-BEI jużа karta ċċertifikata mill-Forest Stewardship Council (FSC). Għaliex huwa magħmul minn persuni li jogħġbuhom is-siġar. L-FSC jippromwovi ġestjoni tal-foresti tad-dinja li hija soda ambjentalment, benefiċjali soċjalment u vijabbli ekonomikament.

Kollha kemm aħna nafu li l-qari tajjeb għalik. Huwa tajjeb ukoll għall-pjaneta — sakemm tkun qed taqra fuq il-karta t-tajba.

Stampat minn Imprimerie Centrale

print: QH-BF-20-001-MT-C ISBN 978-92-861-4628-2 ISSN 2599-6789 doi:10.2867/942295
pdf: QH-BF-20-001-MT-N ISBN 978-92-861-4619-0 ISSN 2599-7017 doi:10.2867/4098

KIF GĦANDEK TAQRA R-RAPPORT - IL-FIL EKOLOĠIKU

Int fejn int, se ssib it-temp. L-istess ħaġa b'dan ir-rapport, billi l-klima hija l-**FIL EKOLOĠIKU** li jitnisseġ fil-ħidma tal-Bank Ewropew tal-Investiment fl-2019, b'mod speċifiku **I-AZZJONI FIL-ĠLIEDA KONTRA T-TIBDIL FIL-KLIMA.** L-azzjoni dwar il-klima għal żmien twil ilha fattur sinifikanti fil-ħidma tal-Bank. Fl-2019, irrispondejna għall-emerġenza tal-klima u l-ambjent b'**AMBIZZJONIJIET ĠODDA GĦAL INVESTIMENT FIL-KLIMA U L-AMBJENT** matul id-deċennju li ġej u **POLITIKA ĠDIDA TA' GĦOTI TA' SELF TAL-ENERĠIJA.**

Sabiex it-tisħin globali jinżamm maż-żieda fil-mira ta' 1.5° Celsius skont il-Ftehim ta' Pariġi, l-emissjonijiet tal-karbonju jridu jkunu inqas minn 580 gigatunnellata. Għalina lkoll. Għal dejjem. Bir-rata attwali, se nilħqu dik iċ-ċifra sal-2032. Iżda, b'aktar investiment, mhijiex inevitabbli. Il-ħtieġa għall-investiment, madankollu, hija enormi. Fl-Ewropa, l-investiment stmat fis-sistemi tal-enerġija, pereżempju, jeħtieġ li jirdoppja għal €400 biljun fid-deċennju li jmiss.

Huwa hawn li l-Bank Ewropew tal-Investiment huwa kruċjali. Il-bank tal-UE, bank pubbliku, jinvesti f'kollox minn infrastruttura fuq terminu twil għal proġetti ta' batteriji innovattivi, u **JINTERVJENI F'SETTURI FEJN L-INVESTIMENT HUWA BAXX WISQ,** bħal rinnovazzjonijiet ta' djar effiċjenti fl-enerġija. F'parti ġdida ta' dan ir-rapport, l-esperti ewlenin tal-Bank Ewropew tal-Investiment jispjegaw dak li huma jemmnu li l-kriżi tal-klima tfisser għalina, x'**TIPI ĠODDA TA' FINANZJAMENT** se niżviluppaw biex nilħqu l-miri tagħna, u liema tipi ta' **PROĠETTI SE NAPPOĠĠJAW.**

Il-proġetti f'dan ir-rapport ikopru kull qasam tal-iżvilupp ekonomiku – l-infrastruttura, l-innovazzjoni, l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju. Sabiex nuru l-firxa tal-azzjoni dwar il-klima attwali tagħna u l-impenn tagħna għal investiment ekoloġiku futur, aħna ktibna dwar kull wieħed minn dawn l-oqsma, b'attenzjoni partikolari fuq il-klima u l-ambjent. **INFRASTRUTTURA GĦALL-KLIMA, INNOVAZZJONI EKOLOĠIKA, U AZZJONI DWAR IL-KLIMA GĦALL-SMES.** Globalment. Pereżempju, se taqra dwar tagħmir Rumen tal-intelliġenza artifiċjali li jnaqqas l-iskart tal-ikel fl-istess storja fejn jissemma proġett li jagħti spinta lill-ħsad tal-bdiewa tal-kafè Peruvjani. Għaliex aħna naħdmu fid-dinja kollha biex insibu **SOLUZZJONIJIET GĦALL-KRIŻI** li theddidna lkoll, ninsabu fejn ninsabu.

Dan ir-rapport jirrakkonta stejjer ta' inġenjożità u impenn, ħolqien ta' impjiegi u prosperità. Minsuġa flimkien mal-**FIL EKOLOĠIKU TA' INVESTIMENT FIL-KLIMA SOSTENIBBLI TAL-BEI,** dawn juru l-opportunità li l-azzjoni dwar il-klima u l-ambjent tippreżenta lilna lkoll biex nissalvagwardjaw id-dinja tagħna għal ġenerazzjonijiet futuri u biex nibnu ekonomija prospera, nadifa u ekoloġika.

WERREJ

6 KELMTEJN QABEL MILL-PRESIDENT

8 PUNTI EWLENIN TAL-2019

10 IL-GRUPP TAL-BEI F'PAJJIŻEK

12 L-APPROVAZZJONIJIET TOTALI TAL-FEIS

14 IL-PJAN DIREZZJONALI GĦALL-KLIMA U L-POLITIKA DWAR I-GĦOTI TA' SELF GĦALL-ENERĠIJA: >€1 TRILJUN GĦAL <1.5°C

16 L-ILĦNA TAL-POLITIKA

18 IL-ĠENERAZZJONI TAL-ENERĠIJA INNOVATTIVA: FUŻJONI KIESĦA? QED TISSAĦĦAN

22 FUTUR DIĠITALI: 5G GĦAL ĠENERAZZJONIJIET FUTURI

24 MOBBILTÀ FUTURA: TELLIEQA ELETTRIĊIZZANTI

26 L-ILĦNA TAL-FINANZJAMENT

28 L-ADATTAMENT GĦALL-KLIMA: IDRAH

30 L-ADATTAMENT URBAN GĦALL-KLIMA: IT-TIBDIL FIL-KLIMA FIL-BELT

32 L-ILĦNA TAL-PROGETTI

34 IS-SAĦĦA U L-KLIMA: RIĊETTA GĦALL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA

36 L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI FIL-KĊINA: APTIT GĦALL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA

38 L-AGRIKOLTURA U L-KLIMA: BATTERJI TAJBIN U MOZZARELLA LI TIĠĠEBBED

42 L-ILĦNA SOĊJALI

44 L-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI: KENN GĦALL-KLIMA

46 TRANŻIZZJONI ĠUSTA: KOEŻIVA U KREATTIVA

48 MINN FEJN JIĠU L-FLUS

50 GOVERNANZA

51 PUNTI EWLENIN MILL-PJAN TAL-OPERAT TAL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT GĦALL-2020

IL-BANK LI JWETTAQ IL-ĦIDMA TIEGĦU

Qiegħed nikteb dwar il-kisbiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment matul is-sena li għaddiet fi żmien meta kull ġimgħa – kull siegħa – hija kruċjali. Hekk kif il-Bank tal-UE jitfa' l-kompetenza esperta u l-qawwa tal-finanzjament tiegħu kontra l-COVID-19, aħna qegħdin attenti wkoll għal deċennju kritiku li ġej fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima. Għalkemm hemm bosta li jiddubitaw jekk il-coronavirus u t-tibdil fil-klima jistgħux jiġu indirizzati fl-istess ħin, ninsabu fiduċjużi li din hija neċessità assoluta. Il-battalja immedjata li ndawru l-ekonomiji tagħna biex jerġgħu jiġu f'saħħithom trid ukoll twitti l-pedamenti għal futur sostenibbli.

Fl-2019, il-Bank investa fil-kompetittività tal-Ewropa, f'teknoloġiji ġodda u f'innovazzjoni li se jassiguraw il-kwalità tal-ħajja tagħna għall-ġenerazzjonijiet futuri—u jkattru l-prosperità tagħna. Il-proporzjon dejjem jikber tal-ħidma tagħna li hija mmirata biex tindirizza t-tisħin globali huwa prova li l-azzjoni dwar il-klima hija opportunità għan-negozju, kif ukoll ħtieġa eżistenzjali. B'din it-theddida l-ġdida tal-COVID-19, dan ir-rapport ma setax jitwassal fi żmien aktar opportun. Iffirmajna bosta ftehimiet is-sena li għaddiet li juru l-impenn tagħna fil-ġlieda kontra l-mard — impenn li sar ferm aktar sod bir-rwol ċentrali tagħna fir-rispons ikkoordinat tal-Ewropa għall-coronavirus.

Is-sena li għaddiet stabbilixxejna mira ambizzjuża. **Inwiegħdu li niddedikaw 50% tal-finanzjament tagħna għall-azzjoni dwar il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali mill-2025. Dak kollu li nagħmlu se jkun allinjat bis-sħiħ mal-Ftehim ta' Pariġi.** Wara kollox, ma jagħmilx sens li ninvestu 50% fil-klima u l-ambjent, filwaqt li nużaw il-50% l-oħra biex niffinanzjaw proġetti li jagħmlu ħsara lill-ambjent.

Dan huwa anke minnu għall-kriżi tal-coronavirus. Kull xokk ekonomiku jaċċellera bidliet strutturali fuq terminu twil. L-aħjar mod biex il-Bank Ewropew tal-Investiment jgħin lill-ekonomija tirkupra mill-pandemija huwa billi jwettaq l-ambizzjonijiet dejjem akbar tagħna dwar il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali. Pereżempju, it-tranżizzjoni tal-enerġija tista' tikkontribwixxi għall-irkupru billi toħloq aktar impjiegi, industriji ġodda u li jikbru malajr, aktar kompetittività u inqas dipendenza fuq l-enerġija.

Is-sena li għaddiet, approvajna l-politika l-ġdida tagħna għall-għoti ta' self għall-enerġija. Din tinkludi impenn biex jintemm l-investiment fi proġetti ta' karburanti fossili konvenzjonali mill-aħħar tal-2021. Il-Bank Ewropew tal-Investiment huwa l-ewwel istituzzjoni finanzjarja internazzjonali li għamlet wegħda bħal din. Dan huwa eżempju ċar ta' tmexxija Ewropea fil-konfront tal-klima.

Bħala l-bank tal-UE, il-Bank Ewropew tal-Investiment jaġixxi bħala l-fergħa finanzjarja tal-politika tal-UE. Fil-proġett kbir Ewropew ta' azzjoni dwar il-klima li għaddej bħalissa, aħna għandna sħubija mill-qrib mal-Kummissjoni Ewropea kif ukoll mal-gvernijiet tal-Istati Membri kollha. **Il-ħidma enfasizzata f'dan ir-rapport turi l-kompetenza esperta li biha aħna pilastru ewlieni fil-Patt Ekoloġiku Ewropew** imħabbar mill-Kummissjoni f'Jannar 2020.

Firxa unika

L-azzjoni dwar il-klima ma tfissirx li għandhom jiġu injorati oqsma oħra tal-ħidma tagħna. Dan ir-rapport juri li, sabiex tkun effettiva, l-azzjoni dwar il-klima trid topera fi ħdan l-isferi tal-koeżjoni, l-innovazzjoni, l-SMEs u l-infrastruttura. Jekk tonqos milli tagħmel dan, din sempliċement mhix se tirnexxi. L-azzjoni dwar il-klima, pereżempju, tfisser ukoll il-ħolqien ta' impjiegi. Ir-Rapport tal-Investiment 2019-2020 tagħna jbassar li l-enerġija ekoloġika b'mod speċifiku se toħloq madwar 500 000 impjieg fl-Ewropa matul id-deċennji li ġejjin.

KELMTEJN QABEL MILL-PRESIDENT

"Inwiegħdu li niddedikaw 50% tal-finanzjament tagħna għall-azzjoni dwar il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali mill-2025. Dak kollu li nagħmlu se jkun allinjat bis-sħiħ mal-Ftehim ta' Pariġi."

Il-ħidma ta' koeżjoni li ilha l-punt fokali ċentrali tal-Bank sa mill-1958 tieħu dimensjoni ġdida bl-ambizzjonijiet għall-klima mwessa' tagħna. Matul l-2019, l-esperti tagħna appoġġjaw il-formulazzjoni tal-Mekkaniżmu ta' Tranżizzjoni Ġusta tal-Kummissjoni, li se jiffaċilita l-bidla lejn enerġija aktar nadifa f'reġjuni u industriji bbażati fuq il-karburanti fossili. Din hija missjoni ewlenija għall-BEI fis-snin li ġejjin minħabba l-pożizzjoni unika tagħna f'rabta mal-istituzzjonijiet tal-UE, il-gvernijiet nazzjonali u l-bliet u r-reġjuni tal-Ewropa.

Bl-istess mod, il-ħidma ta' żvilupp tagħna għandha bħala l-punt fokali taghħa r-reżiljenza u l-adattament għall-klima, billi dawn isalvaw jew jissalvagwardjaw il-ħajjiet – u billi dawn jibnu l-prosperità ekonomika. **It-tibdil fil-klima huwa globali, għalhekk jeħtieġ li nintensifikaw l-investimenti tagħna globalment. Hawn għandna l-għodod ukoll.** L-esperti tagħna għandhom ukoll l-esperjenza biex jagħrfu innovazzjoni reali b'ħidma ta' żvilupp f'livell bażiku – għandna 50 uffiċċju madwar id-dinja u operazzjonijiet attivi fi 43 stat fraġli. Matul dawn l-aħħar 10 snin, dawk il-pajjiżi – l-inqas żviluppati fid-dinja – irċevew aktar minn €5.5 biljun minn aktar minn 100 operazzjoni tal-BEI.

Impenn u twettiq

Bil-politika l-ġdida tagħna dwar l-impenn għall-klima u l-għoti ta' self għall-enerġija, jista' jkun faċli li niffokaw biss fuq il-ġejjieni u li ninsew dak li wettaqna. Qabel ma l-klima saret il-punt fokali ċentrali tagħna u qabel l-emerġenza tal-COVID-19, il-Bank Ewropew tal-Investiment ingħata l-kompitu sostanzjali li jappoġġja l-investiment ta' nofs triljun euro fl-ekonomija tal-UE matul ħames snin, bħala parti mill-Pjan Juncker. Fl-2020, ninsabu fuq il-perkors b'mod komdu biex nilħqu dik il-mira ewlenija ta' €500 biljun. B'mod aktar importanti, diġà nafu li dan il-programm eċċellenti għandu impatt strutturali fuq l-ekonomija Ewropea li se jagħti spinta lill-impjiegi u t-tkabbir għad-deċennji li ġejjin.

Xogħolna hu li nappoġġjaw il-proġett Ewropew u li ninvestu sostanzjalment fil-futur tal-Ewropa. Dan hu li għamilna fl-2019 u dan hu li se nkomplu nwettqu.

Werner Hoyer

PUNTI EWLENIN 2019

Il-Bank Ewropew tal-Investiment

ATTIVITÀ FL-2019

PROĠETTI APPROVATI	**€58.7bn**
L-Unjoni Ewropea	€51.1bn
Barra mill-UE	€7.6bn
FIREM	**€63.3bn**
L-Unjoni Ewropea	€55.4bn
Barra mill-UE	€7.9bn
ŻBORŻI	**€48.1bn**
L-Unjoni Ewropea	€43.8bn
Barra mill-UE	€4.3bn
RIŻORSI MIĠBURA (QABEL L-ISWAPS)	**€50.3bn**
Muniti ewlenin (€, GBP, USD)	€42.7bn
Muniti oħrajn	€7.6bn

L-impatt tal-Grupp tal-BEI

386 600
L-għadd ta' SMEs/kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja mill-Grupp tal-BEI

4.4 miljuni
Numru ta' impjiegi sostnuti fl-SMEs/kumpaniji b'kapitalizzazzjoni medja (il-Grupp tal-BEI)

7.4 miljuni
Djar li jistgħu jiġu pprovduti minn kapaċità addizzjonali ta' ġenerazzjoni tal-elettriku

98%
... mill-elettriku addizzjonali pprovdut minn sorsi rinnovabbli

117-il miljun
Klijenti b'servizzi tal-mowbajl mtejba

Il-Fond Ewropew tal-Investiment

Il-Fond Ewropew tal-Investiment (FEI), parti mill Grupp tal-BEI, jispeċjalizza fil-finanzjament ta' riskju biex jappoġġja intrapriżi ta' daqs mikro, żgħir u medju u biex jistimula t-tkabbir u l-innovazzjoni mal-Ewropa kollha. Dan jipprovdi finanzjament u kompetenza esperta għal operazzjonijiet ta' investiment u garanziji sodi u sostenibbli. L-azzjonisti tal-FEI jinkludu l-BEI, il-Kummissjoni Ewropea, banek pubbliċi u privati u istituzzjonijiet finanzjarji.

ATTIVITÀ FL-2019

FIREM	**€10.2bn**
Ekwità	€3.4bn
Garanziji	€6.7bn
Mikrofinanzjament	€0.1bn

10 miljuni
Popolazzjoni b'ilma tajjeb għax-xorb aktar sikur

11.5 miljuni
Popolazzjoni b'sanità mtejba

1.7 miljuni
Popolazzjoni li qed taffaċċja riskju ta' għargħar

631 miljuni
Vjaġġi annwali addizzjonali fuq trasport pubbliku ffinanzjat mill-BEI

12-il miljun
Popolazzjoni b'servizzi tal-kura tas-saħħa mtejba

Iċ-ċifri huma l-eżiti mistennija ta' operazzjonijiet iffinanzjati ġodda ffirmati fl-2019 għall-ewwel darba. Iċ-ċifri kollha mhumiex verifikati u huma provvisorji.

IL-GRUPP TAL-BEI F'PAJJIŻEK



IL-MEDITERRAN €2.45 biljun

TKABBIR U L-EFTA €1.4 biljun

AKP, PTEE U L-AFRIKA T'ISFEL €1.4 biljun

L-ASJA , L-ASJA ĊENTRALI U L-AMERIKA LATINA €2.2 biljun

IL-ĠIRIEN TAL-LVANT €1.35 biljun

UE BOSTA PAJJIŻI

€0.86 biljun

L-EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles
AKP: L-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku
PTEE: Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej
Kuluri aktar skuri jfissru investiment ogħla bħala persentaġġ tal-PDG.


IL-FINLANDJA
€1.87 biljun 0.78% tal-PDG
L-IŻVEZJA
€2.03 biljun 0.43% tal-PDG
L-ESTONJA
€0.28 biljun 1.00% tal-PDG
IL-LATVJA
€0.25 biljun 0.8% tal-PDG
IL-LITWANJA
€0.05 biljun 0.10% tal-PDG
IL-POLONJA
€5.42 biljun 1.03% tal-PDG
IL-ĠERMANJA
€6.15 biljun 0.18% tal-PDG
IR-REPUBBLIKA ČEKA
€1.49 biljun 0.68% tal-PDG
IS-SLOVAKKJA
€0.25 biljun 0.27% tal-PDG
L-AWSTRIJA
€1.72 biljun 0.43% tal-PDG
L-UNGERIJA
€0.77 biljun 0.54% tal-PDG
IS-SLOVENJA
€0.25 biljun 0.52% tal-PDG
IL-KROAZJA
€0.57 biljun 1.05% tal-PDG
IR-RUMANIJA
€0.87 biljun 0.39% tal-PDG
L-ITALJA
€10.97 biljun 0.62% tal-PDG
IL-BULGARIJA
€0.36 biljun 0.59% tal-PDG
IL-GREĊJA
€2.06 biljun 1.09% tal-PDG
MALTA
€0.10 biljun 0.72% tal-PDG
€0.23 biljun 1.04% tal-PDG
ĊIPRU

L-APPROVAZZJONIJIET TOTALI TAL-FEIS

SAL-31 TA' DIĊEMBRU 2019



Iċ-ċifri ppreżentati huma mit-tnedija tal-FEIS. Aktar mhu skur il-kulur, aktar mhu ogħla l-investiment relatat mal-FEIS immobilizzat meta mqabbel mal-PDF (abbażi tal-approvazzjonijiet).

Il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (FEIS) huwa inizjattiva mnedija b'mod konġunt mill-Grupp tal-BEI u l-Kummissjoni Ewropea sabiex jingħeleb id-distakk tal-investiment fl-UE. B'garanzija mill-baġit tal-UE, il-FEIS għandu l-mira li jiftaħ investiment addizzjonali ta' mill-inqas €500 biljun sal-2020. Fil-31 ta' Diċembru 2019, l-investiment addizzjonali kien ta' €458 biljun.

› €1 TRILJUN GĦAL ‹ 1.5°C

Fl-2019, il-Bank Ewropew tal-Investiment fassal l-ambizzjonijiet tiegħu għall-klima u l-ambjent għad-deċennju li jmiss. Dan huwa l-pjan direzzjonali tagħna biex nilqgħu għall-isfida tal-klima.

Sabiex nevitaw bosta aktar sfidi tal-klima kbar, neħtieġu niddekarbonizzaw aktar malajr. Id-deċennju li jmiss se jkun kritiku.

Skont il-Ftehim ta' Pariġi, kważi l-gvernijiet kollha madwar id-dinja qablu li t-tisħin globali jinżamm taħt iż-2°C u biex jiġġieldu sabiex jillimitawh għal 1.5°C. Sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet, jeħtieġ li nemettu inqas minn 580 gigatunnellata ta' dijossidu tal-karbonju. Bir-rata preżenti ta' madwar 37 gigatunnellata fis-sena, se naqbżu dan il-limitu sal-2032.

Nissoktaw fejn temmet il-ħidma tas-settur privat

Is-settur privat mhux qiegħed jerfa' l-ispejjeż tat-twaqqif tat-tibdil fil-klima. Huwa għalhekk li s-settur pubbliku qed jieħu aktar azzjoni, iżid l-investiment u jħeġġeġ lin-nies u lill-kumpaniji biex jibdlu d-drawwiet tagħhom. Fl-Ewropa, l-investiment fis-sistemi tal-enerġija, pereżempju, jeħtieġ li kważi jirdoppja matul id-deċennju li jmiss – biex jilħaq sa €400 biljun fis-sena.

Il-banek pubbliċi jistgħu jinvestu fi proġetti ta' infrastruttura fuq terminu twil u fl-innovazzjoni meħtieġa għat-tranżizzjoni għal futur sostenibbli. Pereżempju, nistgħu nagħmlu investimenti f'batterija fuq skala kbira li tiċċarġja fi ġranet xemxin jew bir-riħ u li tiskarika anke meta ma hemmx xemx jew riħ. Il-banek pubbliċi jistgħu jgħinu setturi fejn l-investiment huwa baxx, bħal meta jsir xogħol biex id-djar ikunu aktar effiċjenti fl-enerġija.

X'se jagħmel il-Bank Ewropew tal-Investiment

31% tal-finanzjament tagħna appoġġja azzjoni dwar il-klima fl-2019. Sal-2025 se nżidu b'50% l-appoġġ tagħna għas-sostenibbiltà tal-klima u l-ambjent – jiġifieri aktar minn €30 biljun fis-sena. Iżda dan mhux se jkun biżżejjed, u l-biċċa l-kbira tal-flus il-ġodda biex jgħinu l-klima se jkollhom jiġu mis-settur privat. Il-Bank Ewropew tal-Investiment jattira finanzjament addizzjonali għal kull proġett - mis-settur privat u dak pubbliku. It-timbru ta' approvazzjoni tagħna jħeġġeġ investituri oħrajn, speċjalment banek privati, biex jaraw li l-proġett huwa sod.

Nimmiraw li nappoġġjaw aktar minn €1 triljun fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u ngħinu l-ambjent fid-deċennju sal-2030.

Sat-tmiem tal-2020, il-finanzjament kollu tagħna se jkun allinjat mal-Ftehim ta' Pariġi. Il-finanzjament tagħna se jkun konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi u żvilupp reżiljenti għall-klima. Fl-industriji fejn huwa diffiċli li jitnaqqsu l-emissjonijiet, se nappoġġjaw proġetti li jgħinu lill-kumpaniji jaqilbu għal mudell b'użu baxx tal-karbonju. Se niżguraw ukoll li l-proġetti kollha jimmaniġġjaw ir-riskji futuri tat-tibdil fil-klima.

IL-PJAN DIREZZJONALI TAL-KLIMA U L-POLITIKA GĦALL-GĦOTI TA' SELF GĦALL-ENERĠIJA TAGĦNA

Il-politika l-ġdida tagħna dwar l-enerġija

Sa tmiem l-2021, mhux se nibqgħu nappoġġjaw proġetti bl-użu ta' karburanti fossili konvenzjonali, bħall-produzzjoni taż-żejt u l-gass naturali jew in-netwerks tal-gass tradizzjonali.

Se niffokaw fuq:

- effiċjenza fl-enerġija, bħar-rinnovazzjoni ta' bini u djar, tidwil tat-toroq aħjar u trasport ekoloġiku
- provvisti tal-enerġija li ma jikkawżawx emissjonijiet, li se jgħinu lill-Ewropa tilħaq il-mira tagħha li tikseb mill-inqas 32% tal-enerġija kollha minn sorsi rinnovabbli
- grilji elettriċi li jikkollegaw sorsi ġodda ta' enerġija b'użu baxx tal-karbonju
- innovazzjoni fil-produzzjoni, il-ħażna u l-użu tal-enerġija

Tranżizzjoni inklużiva

Ir-reġjuni li huma l-aktar dipendenti fuq il-karburanti fossili jeħtieġu aktar appoġġ. Il-proġetti tal-enerġija ekoloġika se joħolqu mijiet ta' eluf ta' impjiegi, iżda rridu nagħtu attenzjoni speċjali lir-reġjuni fejn il-minjieri tal-faħam u industriji oħrajn b'intensità qawwija tal-karbonju jimpjegaw numri kbar ta' nies u jappoġġjaw l-ekonomija. Irridu nrawmu t-taħriġ għal karrieri ġodda u nagħtu l-appoġġ tagħna lil proġetti li jattiraw industriji ġodda lejn dawn iż-żoni.

Politika dwar l-enerġija li hija tajba għall-klima tista' tgħin lis-soċjetà. Fl-Unjoni Ewropea, 11% tal-popolazzjoni ma jistgħux isaħħnu d-djar tagħhom b'mod affordabbli. Miljuni ta' nies ma jistgħux ikampaw biex iħallsu l-kontijiet tal-gass u tal-elettriku tagħhom jew biex isaħħnu djarhom b'mod adegwat. In-nisa aktar anzjani jbatu l-aktar billi għandhom dħul aktar baxx u jqattgħu aktar ħin id-dar. Jekk intejbu l-effiċjenza fl-enerġija tad-djar fil-kontinent kollu, din se tnaqqas l-emissjonijiet, tbaxxi l-kontijiet tal-enerġija u ttejjeb il-ħajjiet.

B'mod simili, proġetti ta' trasport urban nadif jipprovdu trasport affordabbli, iżda wkoll itejbu l-arja u s-saħħa tas-soċjetà. L-investimenti f'biedja tajba għall-klima fir-reġjuni li m'għandhomx ħafna ilma se jnaqqsu r-riskji li l-art issir deżert u li l-impjiegi jmorru xi mkien ieħor.

Żvilupp sostenibbli

Irridu nappoġġjaw proġetti ekoloġiċi li jgħinu lid-dinja tilħaq l-Għanijiet tal-Iżvilupp Sostenibbli. **L-investiment fl-ambjent u fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima jista' jtejjeb id-dħul tan-nies, itejjeb il-kundizzjonijiet tal-għajxien tagħhom u jiżgura li għandhom biżżejjed ikel, ilma nadif u sanità.** Nistgħu wkoll innaqqsu l-ħtieġa li d-djar jiġu spostati minħabba perikli ġodda bħal temp vjolenti u għargħar. Nistgħu nnaqqsu l-għadd ta' nies li huma esposti għal riskji minħabba l-klima u li huma vulnerabbli għall-faqar b'bejn 62 miljun u 457 miljun madwar id-dinja kollha.

Se ninvestu fi proġetti ta' mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima li għandhom impatt kbir fuq in-nies. Enerġija rinnovabbli ta' skala żgħira li mhix ikkollegata mal-grilja, bħal djar b'kitts solari fl-Afrika rurali, twassal l-elettriku lil nies li qatt ma kienu kkollegati mal-linji tal-elettriku. Proġetti ta' adattament għat-tibdil fil-klima jsaħħu pontijiet u toroq, sabiex dawn ma jinqerdux waqt il-maltempati u n-nies xorta jkunu jistgħu jivvjaġġaw lejn is-swieq jew imorru għand it-tabib jew ix-xogħol.

Neħtieġu wkoll nagħtu lill-individwi s-setgħa li jinbidlu. Il-BEI se jkompli jinvesti f'setturi li jtejbu s-soċjetà, bħall-kura tas-saħħa u l-edukazzjoni, u se jkompli jappoġġja l-intraprenditorija tan-nies u li aktar nies jingħataw aċċess għal self biex iniedu idea ġdida jew jespandu negozju.

L-ILĦNA TAL-POLITIKA

IL-FIL EKOLOĠIKU

Kif il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jirrispondi għall-iżviluppi tal-politika fil-kriżi tal-klima

Ninsab kuntenta b'mod partikolari bil-progress li għamel [il-Bank Ewropew tal-Investiment] biex isaħħaħ ir-rwol tiegħu bħala l-bank tal-UE għall-klima. Dan se jagħti spinta lill-investiment fit-teknoloġiji Ewropej u s-soluzzjonijiet li d-dinja qed tfittex.

Ursula von der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea

Il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali ilhom prijorità għall-Bank Ewropew tal-Investiment, iżda meta ninsabu ffaċċjati bil-kriżi tal-klima mingħajr preċedent u l-investiment sostanzjali meħtieġ għat-tranżizzjoni lejn soċjetà newtrali fil-karbonju, nafu li m'hemmx l-għażla li kollox jibqa' sejjer bħas-soltu. Huwa għalhekk li tajna impenn biex inżidu l-finanzjament tagħna għall-klima u l-ambjent biex nappoġġjaw €1 triljun ta' investimenti għal dawn l-objettivi fid-deċennju li jmiss. Għaldaqstant il-BEI huwa ċentrali għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Ninsabu lesti li niffaċċjaw l-isfida.

Emma Navarro, Viċi-President responsabbli għall-azzjoni dwar il-klima, BEI

Sabiex niksbu l-ambizzjoni stabbilita mill-Patt Ekoloġiku Ewropew, hemm ħtiġijiet ta' investiment sinifikanti. Se nkunu nistgħu nilħqu dawn il-ħtiġijiet tal-investiment biss jekk nimmobilizzaw is-setturi pubbliċi u privati. F'dan ir-rigward, il-BEI se jkun l-imsieħeb ewlieni, fejn jaġixxi bħala l-aggregazzjoni u l-amplifikatur tal-investimenti pubbliċi u bħala sigurtà addizzjonali għall-investimenti privati.

Frans Timmermans, Viċi-President tal-Kummissjoni Ewropea

Il-Bank Ewropew tal-Investiment diġà ilu għal xi żmien jappoġġja l-azzjoni dwar il-klima. L-għoti ta' self għall-klima ammonta għal 31% tal-volum ta' finanzjament totali tal-Grupp fl-2019. Il-Pjan Direzzjonali tal-Bank għall-Klima bħalissa qiegħed jitfassal u l-ħidma fuq dan se tgħinna nerġgħu niffokaw l-isforzi tagħna biex nagħtu aktar spinta għall-għoti ta' self għall-klima. Fis-sena li ġejja, il-Bank se jsaħħaħ l-impenn tiegħu fi proġetti li jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tal-industriji u t-trasport, l-innovazzjoni relatata mal-klima u l-effiċjenza fl-enerġija. Sabiex iħalli impatt, jeħtieġ li l-Bank juża modi ġodda u innovattivi biex jindirizza l-ħtiġijiet tas-suq u jikseb l-objettivi tal-politika.

Elina Kamenitzer, kap tat-taqsima, Uffiċċju għall-Klima, Attivitajiet, BEI

L-investimenti relatati mal-klima se jkunu dejjem aktar importanti fis-setturi u l-ġeografiji kollha sabiex jinkisbu l-objettivi tal-2030 u l-2050 li huma tassew ta' sfida. F'dawn l-aħħar ftit snin, diġà appoġġajna l-isforzi tad-dekarbonizzazzjoni mill-utilitajiet Ewropej u rawwimna l-ispostament tal-enerġija rinnovabbli u t-tagħmir u l-infrastruttura li tiffaċilitaha, li għandu fil-mira t-teknoloġiji u l-istrutturi tas-suq kollha. Fis-snin li ġejjin, jeħtieġ li l-Bank Ewropew tal-Investiment iżid l-ambizzjoni tiegħu u jadatta l-offerta finanzjarja tiegħu, sabiex jiffaċilita t-trasformazzjoni ta' firxa wiesgħa ta' setturi, b'mod partikolari dawk li huma aktar intensivi fl-użu tal-enerġija. Barra minn dan, jeħtieġ li l-Bank ikollu rwol ewlieni f'dawk is-segmenti tas-suq fejn soluzzjonijiet ġodda teknoloġiċi u finanzjarji innovattivi jeħtieġu li jiġu stabbiliti, bħall-effiċjenza fl-enerġija jew enerġija rinnovabbli. Għal dan il-għan, nistgħu nibnu fuq il-kompetenza esperta tagħna u nkunu lesti li nirrispondu malajr għall-ħtiġijiet tas-suq u l-aspettattivi tal-promoturi li aħna nieħdu r-rwol bħala inkubatur jew finanzjatur ta' riferiment – skont il-każ – li jista' jikkatalizza sorsi ta' finanzjament oħrajn.

Birthe Bruhn-Leon, direttriċi, l-Iberja, Attivitajiet, BEI

Nixtieq li t-terminu "għoti ta' self għall-klima" jinftiehem b'mod wiesa' biżżejjed sabiex ikopri l-istrumenti finanzjarji dddedikati għal partijiet varji tal-ambjent tal-bniedem, kemm naturali u soċjali. Dan ifisser għoti ta' self għall-iżvilupp sostenibbli, li ovvjament ikun jinkludi l-ħarsien tal-ambjent naturali, l-adattament u l-mitigazzjoni tal-klima – iżda wkoll l-iżvilupp tal-edukazzjoni, il-kura tas-saħħa u elementi oħrajn tal-infrastruttura soċjali. Dan huwa ta' importanza partikolari fil-pajjiżi inqas żviluppati, li jaraw ostakli għall-iżvilupp sostenibbli tagħhom ġejjin minn direzzjonijiet varji u jeħtieġu b'mod urġenti sett ta' għodod finanzjarji komprensiv, li jgħinhom f'bosta konfronti.

Rafal Rybacki, kap tat-taqsima, Pajjiżi Ġirien tal-UE, Settur Pubbliku tal-Asja Ċentrali u tal-Lvant, Attivitajiet, BEI

Fil-perkors tagħna biex niksbu l-miri ġodda tagħna dwar il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali sal-2025, ikollna ninteraġixxu aktar mal-klijenti u l-partijiet interessati ewlenin tagħna biex nidentifikaw opportunitajiet ġodda. Dan se jfisser li nżidu dak li nagħmlu sew u niżviluppaw proġetti u prodotti ġodda fejn ma konniex sodi biżżejjed. Nistenna li nara aktar attenzjoni ffokata fuq l-effiċjenza u l-adattament tal-enerġija u, minħabba l-ħtiġijiet tal-investiment għoli fiż-żewġ setturi. Prodotti ġodda, bħal self ekoloġiku u strumenti ta' finanzjament imħalltin biex jiġi mmobilizzat l-investiment privat , għandu jkollhom rwol akbar ukoll.

Martin Berg, kap tal-unità, Fondi Ambjentali u Politika dwar il-Finanzjament tal-Klima, Attivitajiet, BEI

FUŻJONI KIESĦA? QED TISSAĦĦAN.

Is-sorsi tal-enerġija rinnovabbli jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jissostitwixxu l-karburanti fossili u biex jissodisfaw id-domanda fuq terminu twil. Jeħtieġ infittxu sorsi ta' enerġija oħrajn. Iżda x'inhi l-enerġija mill-fużjoni, kif taħdem, u teżisti l-fużjoni kiesħa?

Jista' jkun li smajtu bil-fużjoni kiesħa, l-idea li l-atomi jistgħu jingħaqdu flimkien mingħajr ma jużaw ebda sħana sinifikanti jew tip ieħor ta' enerġija iżda jipproduċu ammont kbir ta' enerġija. Dan il-proċess ilu jiġi studjat minn bosta alkemisti ta' llum il-ġurnata, għalhekk se nħallu kollox f'idejhom.

Il-fużjoni sħuna, sadanittant, hija reali. Din hija dak li jseħħ fix-xemx u stilel oħrajn. Nuklei ta' atomi jaħbtu f'xulxin b'veloċità qawwija, li tirriżulta fil-fużjoni u tiġi rilaxxata ħafna aktar enerġija. Ir-riċerka u l-iżvilupp fl-enerġija mill-fużjoni qed jippruvaw joħolqu reazzjonijiet simili hawn fid-Dinja b'aktar minn 100 miljun grad Celsius.

L-oppost tal-fissjoni nukleari

L-enerġija mill-fużjoni, f'ċertu mod, hija l-oppost ta' dak li normalment insejħu enerġija nukleari – għalkemm l-enerġija mill-fużjoni tittratta wkoll in-nukleu tal-atomi. Fl-impjanti tal-enerġija nukleari kurrenti, l-enerġija hija ġġenerata mill-qsim tal-atomu. Il-fużjoni, kif l-isem jissuġġerixxi, tipproduċi enerġija mhux mill-firda tal-atomi, iżda mill-fużjoni tagħhom ma' xulxin.

Id-differenza reali ġejja mit-tip ta' elementi involuti f'dawn il-proċessi. Dak li nafu dwar l-enerġija nukleari huwa li teħtieġ elementi b'atomi kbar u tqal bħall-uranju jew il-plutonju li jistgħu jinqasmu f'atomi iżgħar. Madankollu, l-uranju, il-plutonju, u l-prodotti tal-fissjoni tagħhom huma radjuattivi, li jfisser li meta dawn jiddegradixxu, dawn jemettu radjazzjoni jonizzanti, li f'ċerti ċirkostanzi tista' tkun perikoluża għall-bnedmin.

Minflok l-enerġija mill-fużjoni hija bbażata fuq il-kombinament ta' żewġ atomi ħfief – normalment l-idroġenu. Meta żewġ atomi tal-idroġenu jingħaqdu, dawn joħolqu l-elju. Għalhekk l-enerġija mill-fużjoni mhux talli tiddependi biss fuq l-element l-aktar abbundanti fl-univers, iżda l-periklu ewlieni tal-prodott sekondarju mhu xejn aktar milli tinstema' ridikolu jekk tiġbdu minn imnifsejk.

Ipprova mbotta żewġ kalamiti ma' xulxin

Kif tista' toħloq il-fużjoni ta' żewġ atomi? L-isfida ġejja mill-fatt li n-nukleu ta' atomu fih protoni b'ċarġ pożittiv u newtroni newtrali, kif żgur tiftakru mill-klassi tal-fiżika tagħkom. Għaldaqstant, in-nukleu ta' atomu dejjem se jkollu ċarġ pożittiv. Meta tipprova tikkombinah ma' wieħed ieħor b'ċarġ pożittiv donnu tkun qed tipprova timbotta żewġ kalamiti lejn xulxin. Dawn se jirreżistu. Huwa għalhekk li l-enerġija mill-fużjoni tuża l-eħfef atomi possibbli. Iżda xorta għadu diffiċli ħafna.

Il-ġenerazzjoni tal-enerġija innovattiva

> **"L-avvanzi xjentifiċi lejn l-enerġija mill-fużjoni probabbilment mhux se jseħħu bħal meta t-tuffieħa waqgħet fuq ras Newton. Teħtieġ ħafna aktar riżorsi."**
>
> **Istvan Szabo,** inġinier superjuri tal-BEI fl-affidabbiltà tal-enerġija

Fix-xemx, il-fużjoni sseħħ minħabba li l-gravità immensa tiġbed l-atomi lejn xulxin, u toħloq densità estrema u sħana enormi, u b'dan l-atomi jaħbtu ma' xulxin b'veloċità kbira. Il-forza tal-gravità hija aktar dgħajfa fid-Dinja, minħabba d-daqs relattivament żgħir ta' din il-pjaneta, u t-temperatura – minkejja t-tisħin globali – ma toqrob xejn lejn is-sħana tax-xemx. Allura kif nistgħu noħolqu kundizzjonijiet simili hawn biex isseħħ il-fużjoni?

Aktar sħuna mix-xemx

It-tweġiba hija pjuttost ovvja. Sabiex inpattu għall-gravità aktar baxxa tagħna, jeħtieġ sempliċement li noħolqu temperatura aktar taħraq mix-xemx. Minn sitta sa għaxar darbiet aktar taħraq, sa 150 miljun grad Celsius. Hawn fid-Dinja, din is-sħana tremenda se toħloq il-kundizzjonijiet biex l-atomi tal-idroġenu jkunu jistgħu jaħbtu ma' xulxin, li jirriżulta fil-fużjoni u jiġġeneraw ħafna aktar enerġija. Jinstema' faċli? Għad hemm ftit dettalji mhux ħażin li jridu jiġu ffinalizzati.

L-ewwel kwistjoni: fejn tista' toħloq temperatura bħal din, biex dik is-sustanza msaħħna ma teqridx dak kollu li tmiss? Għal darb'oħra, is-soluzzjoni hija sempliċi: tippermettix li tiġi f'kuntatt ma' xi ħaġa. Biex dan jinkiseb, xjentisti Russi fin-nofs tas-seklu 20 żviluppaw it-tokamak, kamra fil-forma ta' doughnut vojta, mdawra b'kalamiti potenti.

F'din il-kamra, il-gass tal-idroġenu jisaħħan għal temperatura estremament għolja u jiġi ttrasformat fi stat ta' plażma. L-istat ta' plażma huwa wieħed mill-erba' stati fundamentali tal-materja, fejn is-sustanza gassuża ssir jonizzata – minħabba li l-elettroni li jduru man-nuklei atomiċi jitneħħew. Il-materja jonizzata hija elettrikament konduttiva u għaldaqstant il-kamp manjetiku jista' jiddomina l-imġiba tal-materja. Hawn jidħlu l-kalamiti. Il-kalamiti jistgħu jżommu din is-sustanza elettrikament konduttiva milli tersaq lejn il-ħitan tat-tokamak, waqt li tkun maqtugħa fl-arja fuqha. Fil-plażma, il-kundizzjonijiet huma adatti biex l-atomi jaħbtu ma' xulxin u jingħaqdu, biex b'hekk jirrilaxxaw l-enerġija.

L-akbar reattur fid-dinja tal-fużjoni nukleari tokamak esperimentali – imsejjaħ ITER – qed jinbena fi Franza, bħala prova tal-fattibbiltà tal-fużjoni termonukleari bħala sors tal-enerġija mingħajr karbonju u fuq skala kbira. L-ITER huwa megaproġett internazzjonali tar-riċerka u l-inġinerija li jinvolvi l-Unjoni Ewropea, iċ-Ċina, l-Indja, il-Ġappun, il-Korea, ir-Russja u l-Istati Uniti. Jekk tirnexxi, il-faċilità se ddawwar 50 MW ta' enerġija inserita fis-sistema – biex inizjalment issaħħan il-plażma – f'output tal-enerġija mill-fużjoni ta' 500 MW.

Doughnut kbira

Ir-reattur ITER se jkun enormi:

- it-*tokamak* ITER se jkun tqil daqs tliet Torrijiet Eiffel;
- l-istruttura tal-elettrokalamita ta' 1 000 tunnellata fiċ-ċentru tal-magna trid tkun b'saħħitha biżżejjed biex iżżomm forza ekwivalenti għad-doppju tal-forza propulsiva tal-iSpace Shuttle fit-take-off (60 meganewtonu, jew aktar minn 6 000 tunnellata ta' forza);
- se jkun hemm 18-il elettrokalamita fil-forma ta' D madwar il-kamra *tokamak* fil-forma ta' doughnut, kull waħda minnhom għolja 17-il metru u wiesgħa 9 metri, u li tiżen 310 tunnellati, il-piż approssimattiv ta' ajruplan Boeing 747-300 kompletament mgħobbi.

Iżda kif nistgħu noħorġu dik l-enerġija enormi barra mid-doughnut u b'mod sigur niddireġuha lejn id-djar tagħna bħala elettriku? Dan isir permezz tal-ħajt ewlieni tal-kamra u reġjun imsejjaħ id-divertor, imqiegħed fil-qiegħ tat-*tokamak*. Id-divertor jikkontrolla l-egżost tas-sħana, il-gass mormi u l-impuritajiet mir-reattur u jirreżisti għall-ogħla tagħbijiet tas-sħana tas-superfiċje. Is-superfiċje tad-divertor hija koperta mit-tungstenu, il-metall bl-ogħla punt tat-tidwib (3422°C).

Fl-2019, bl-appoġġ tal-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €250 miljun lill-aġenzija tar-riċerka Taljana ENEA biex jgħinha tibni l-faċilità tal-ittestjar tad-divertor u t-*tokamak*. L-impjant se jittestja varji alternattivi biex jiġi eżawrit l-ammont kbir ħafna ta' sħana li tidħol fil-komponent tad-divertor ta' reattur tal-fużjoni nukleari.

Turbina tal-fwar glorifikata

Ir-riċerkaturi jkomplu jfittxu alternattivi, iżda kif inhuma l-affarijiet issa, il-proċess kollu tat-tranżizzjoni tas-sħana għal enerġija elettrika mbagħad isir pjuttost antikwat. Is-sħana li taħbat mal-ħajt ta' faċċata l-plażma u d-divertor tintuża biex l-ilma jinbidel fi fwar, li min-naħa tiegħu jmexxi turbina tal-fwar. It-turbina hija konnessa ma' ġeneratur li jipproduċi l-elettriku li jingħadda fil-grilja.

"L-avvanzi xjentifiċi lejn l-enerġija mill-fużjoni probabbilment mhux se jseħħu bħal meta t-tuffieħa waqgħet fuq ras Newton," jgħid Istvan Szabo, inġinier superjuri fit-taqsima tal-affidabbiltà tal-enerġija tal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Teħtieġ ħafna aktar riżorsi."

Szabo jikkonċedi li huwa possibbli li xi ħadd dalwaqt isib soluzzjoni kompletament differenti biex tinġabar l-enerġija mill-fużjoni, jew tweġiba differenti għall-ħtieġa għal enerġija sostenibbli biex tipprovdilna l-enerġija fil-ġejjieni. "Hemm ideat oħra biex il-materja tiġi kkompressata u ssir fużjoni tal-atomi. Pereżempju billi jintużaw lasers jew kompressjoni mekkanika. U forsi xi ħadd xi darba jsolvi l-fużjoni kiesħa," jgħid Szabo. "Iżda jkunu meħtieġa riżorsi immensi biex dawn kollha jiġu ttestjati. Il-fużjoni termonukleari l-aktar li mxiet 'il quddiem fil-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp. Toffri l-aktar tama."

> **L-impjant se jittestja varji alternattivi biex jiġi eżawrit l-ammont kbir ħafna ta' sħana li tidħol fil-komponent tad-divertor ta' reattur tal-fużjoni nukleari.**

Investiment biex insaħħu l-enerġija

Għaldaqstant qed noqorbu lejn il-mira għall-enerġija mill-fużjoni, iżda l-enerġija mill-fużjoni hija biss wieħed mill-bosta proġetti tal-enerġija innovattivi li l-BEI qed jiffinanzja.

Il-BEI investa aktar minn €30 miljun f'ishma junior u senior tar-responsAbility Access to Clean Power Fund. Il-fond huwa mistenni li jiffinanzja kumpaniji li joffru fanali solari pay-as-you-go u sistemi oħrajn tal-enerġija solari mhux kollegati mal-grilja għal djar u negozji, fil-biċċa l-kbira fl-Afrika sub-Saħarjana u l-Asja tax-Xlokk. Permezz ta' dawn is-sistemi, familji bi dħul baxx ikunu jistgħu pereżempju jħaddmu friġġis żgħar u appliances oħrajn. Jistgħu jħallsu għas-sistema tal-enerġija solari bi ħlasijiet parzjali żgħar, filwaqt li l-fond jiffinanzja l-fornitur għall-ispiża tal-akkwist tas-sistema bil-quddiem.

Minħabba r-riskju għoli tal-investimenti, il-fond għandu bosta saffi ta' ishma. Is-saff l-aktar riskjuż huwa l-livell tas-sehem junior fejn investa l-BEI. L-akkwist tal-ishma junior għaldaqstant inaqqas ir-riskju tal-fond għal investituri oħrajn li jixtru ishma senior. B'dan il-mod, l-involviment tal-BEI jattira kapital privat sinifikanti lejn il-fond. Matul tul il-ħajja tal-fond, l-enerġija nadifa hija mistennija li tkun ipprovduta lil aktar minn 150 miljun persuna.

Il-BEI investa wkoll €50 miljun, taħt l-InnovFin li huwa appoġġjat mill-Kummissjoni Ewropea, f'fond tal-ekwità li għandu fil-mira l-innovazzjonijiet li jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra b'mod sinifikanti. Investituri oħra f'dan il-fond, imsejħa l-Breakthrough Energy Ventures Europe, jinkludu lil Bill Gates u għadd ta' individwi oħrajn b'valur nett għoli ħafna.

Il-konnessjoni bejn dawn il-proġetti varji: bis-saħħa tagħhom il-ġejjieni se jkun aktar favorevoli għall-klima.

5G GĦAL ĠENERAZZJONIJIET FUTURI

Il-ħames ġenerazzjoni tat-teknoloġija tal-mowbajls ser iġġib magħha gwadanji fl-effiċjenza fl-enerġija, li hija aħbar tajba għall-ewwel ġenerazzjonijiet ta' persuni li jimpurtahom dwar it-tibdil fil-klima.

Jekk għandek konnessjoni tal-internet li tiffunzjona, żgur li rajt għadd ta' aħbarijiet ewlenin matul is-sena li għaddiet dwar il-ħames ġenerazzjoni tal-komunikazzjonijiet tal-mowbajl. Forsi kont qed taħseb: Jien tassew għandi nieqaf milli nqalleb fuq Instagram, nisma' fuq Spotify u nestratta l-Bitcoin fuq it-tagħmir tiegħi konness mal-4G biex nagħti attenzjoni għal dan kollu?

Jekk jimpurtak mill-klima, bħall-Bank Ewropew tal-Investiment, it-tweġiba hija iva. Huwa għalhekk li s-sena li għaddiet iffirmajna t-tieni self ta' €250 miljun appoġġjat mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi ma' Ericsson għar-riċerka u l-iżvilupp fuq is-sistemi tal-kumpanija għall-ġenerazzjoni li jmiss tal-komunikazzjonijiet tal-mowbajl.

Spiża tal-enerġija mnaqqsa għan-netwerks

L-esperti tal-BEI ikklassikaw 23% ta' dan is-self bħala azzjoni dwar il-klima, abbażi tal-investimenti fl-iżvilupp ta' karatteristiċi tal-effiċjenza fl-enerġija 5G. Paper riċenti ta' riċerka turi li, skont jekk l-istazzjon tal-mowbajl huwiex f'żona ta' traffiku tad-*data* baxx, medju jew għoli u l-konfigurazzjoni speċifika tagħha, il-migrazzjoni ta' dak it-traffiku kollu lejn netwerk 5G tista' twassal għal tnaqqis ta' 50% sa 95% fil-konsum tal-enerġija tagħha.

"L-ispiża tal-enerġija, flimkien tal-ispiża tal-kiri tal-post, huma l-ogħla żewġt ispejjeż tal-operat għal dawn l-istazzjonijiet tal-bażijiet tan-netwerks tal-mowbajls, għalhekk din hija ferm importanti għall-operaturi," jgħid Anders Bohlin, l-ekonomista ewlieni tal-BEI fit-taqsima tal-infrastruttura diġitali. "Għaldaqstant il-5G tipprovdi lill-operaturi inċentiv ekonomiku, kif ukoll inċentiv klimatiku. Dak huwa importanti għalihom, billi ħafna klijenti qed jilmentaw ħafna mal-operaturi tagħhom minħabba dawk l-offerti kollha li jħeġġuk tibdel il-mowbajl kull sentejn, li mhux meqjus sostenibbli ħafna. L-operaturi qed jippruvaw itejbu l-kuxjenza ambjentali tagħhom."

Tnaqqis fil-kontijiet tal-mowbajl? Aħjar ma ngħaġġlux wisq

Għalhekk il-klijenti se jaraw tnaqqis fil-kontijiet tal-mowbajls tagħhom bil-5G? Probabbilment le, Bohlin ibassar. Il-klijenti sempliċement se jkollhom servizz aħjar u aktar veloċi, u se jispiċċaw jużaw aktar *data*.

Dan minħabba li l-effiċjenza fl-enerġija mtejba mhix biss l-uniku titjib li l-5G se joffri aktar mill-4G. Ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-Unjoni Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni għall-komunikazzjonijiet tal-ġenerazzjoni li jmiss jaraw titjib ta' bejn 10 sa 100 darba aħjar mit-teknoloġija 4G. Pereżempju, l-għadd ta' apparat li tista' tqabbad ma' netwerk f'kilometru kwadru għandu jiżdied minn 100 000 għal miljun. Dan ifisser apparat wieħed għal kull metru kwadru. Il-veloċitajiet tad-*data* fl-eqqel sigħat għandhom jiżdiedu għal 20 Gigabyte kull sekonda.

Allura x'inkunu nistgħu nagħmlu b'din iż-żieda kollha fil-veloċità u l-effiċjenza?

Manuel Tarazona Cano, inġinier superjuri fit-taqsima tal-infrastruttura diġitali tal-Bank Ewropew tal-Investiment, jgħid li, filwaqt li r-realtà virtwali, ir-realtà awmentata, l-internet tal-oġġetti u karozzi konnessi huma diġà possibbli, il-prestazzjoni ogħla tal-5G tista' sa fl-aħħar tiftaħ tassew il-potenzjal li tibdel is-sitwazzjoni.

Internet tattili

Wieħed mill-oqsma l-ġodda l-aktar promettenti esplorat huwa l-internet tattili, skont Tarazona. L-internet tattili jfisser il-monitoraġġ b'attenzjoni ta' movimenti ċkejkna ta' ġisimna biex iħalluk tikkontrolla oġġetti fiżiċi minn distanza, filwaqt li jipprovdi feedback sensorju f'ħin reali.

"Aħseb fit-telekirurġija, jew f'robots ikkontrollati b'mod remot billi tmexxi joysticks, tagħfas buttuni, jew anke bil-mossi tiegħek stess," jgħid Tarazona. "Inkunu nistgħu nikkontrollaw l-oġġetti b'mod remot permezz tal-movimenti tagħna stess u nirċievu feedback kredibbli li jimita l-kuntatt fiżiku mal-oġġett – iżda biss jekk is-sinjal tal-mowbajl jilħaq l-oġġett u jipprovdi feedback lilna kważi f'ħin reali."

Il-ħin li s-sinjal bla fili jieħu biex jgħaddi minn netwerk jissejjaħ latenza, u huwa parametru ieħor tal-5G li se jittejjeb b'għaxar darbiet – għal millisekonda.

> **"Il-5G jipprovdi lill-operaturi inċentiv ekonomiku, kif ukoll inċentiv klimatiku."**
>
> **Anders Bohlin,** ekonomist ewlieni tal-infrastruttura diġitali tal-BEI

Kif tiġi evitata l-interferenza minn vidjos tal-qtates

Karatteristika oħra tal-5G, "network slicing", se tippermetti lin-netwerks biex jagħtu prijorità lil servizzi li jeħtieġu reazzjoni f'ħin reali, filwaqt li jkomplu jimmaniġġjaw servizzi li jeħtieġu biss il-ħin ta' rispons standard, bħal meta tara vidjos fuq YouTube. Din il-karatteristika se tippermetti lin-netwerk jidentifika traffiku tat-telekirurġija, pereżempju, u jidderieġi dak it-traffiku lejn "slice" fuq mogħdija "fast track".

Tarazona jgħid li l-industrija tat-telekomunikazzjoni u l-entitajiet pubbliċi qed jagħmlu sforz kbir biex jistimulaw servizzi innovattivi billi jistabbilixxu netwerks 5G kompletament lesti fuq prova għall-esperti fl-industrija u għall-iżviluppaturi ta' applikazzjonijiet sabiex jesploraw l-ideat l-aktar stravaganti u kreattivi tagħhom mingħajr ma jkunu limitati mit-teknoloġiji tal-mowbajl attwali. B'hekk huwa probabbli li għad hemm aktar innovazzjoni x'niskopru.

Għadd ta' investimenti

Din hija raġuni oħra għaliex il-Bank Ewropew tal-Investiment jinsab entużjast li jiffinanzja l-adozzjoni tal-5G.

Fl-2019, il-Bank iffirma tranche ta' €300 miljun minn self ta' €450 miljun lil Telefonica u self ta' €275 miljun lil Deutsche Telekom għat-tnedija gradwali tal-5G fil-Ġermanja. Iffirmajna wkoll self ta' €300 miljun lil KPN biex tiżviluppa 5G fin-Netherlands, u patt ta' €90 miljun mal-operatur DNA għall-5G fil-Finlandja.

Studju tal-BEI li tnieda s-sena li għaddiet jistma li l-ispiża tat-tnedija gradwali tal-5G u l-infrastruttura tal-fibra mal-kontinent kollu hija madwar €350 biljun, fejn madwar terz ta' din iċ-ċifra potenzjalment ġej minn finanzjament privat li huwa diġà mistenni. L-Ewropa għadha qed tinvesti inqas fit-telekomunikazzjoni u t-teknoloġija meta mqabbla ma' reġjuni oħrajn, b'volum ta' investiment annwali fin-netwerks tal-mowbajl stmat li huwa madwar nofs dak tal-Istati Uniti fuq bażi per capita, u għaldaqstant il-BEI jistenna li jibqa' attiv f'dan is-settur fil-futur qrib.

TELLIEQA ELETTRIĊIZZANTI

It-trasport elettriku qed jiżviluppa aktar malajr milli forsi taħsbu

QEV għandha żewġ affarijiet f'demmha: it-tlielaq u l-innovazzjoni.
Wieħed mill-fundaturi tagħha kien l-eks sewwieq tal-Formula One Adrián Campos, u għadha qed taħdem fuq it-teknoloġija tat-tlielaq għall-kompetizzjonijiet bħall-Formula E, il-verżjoni elettrika tal-Formula One. Iżda l-kumpanija li hija bbażata f'Barċellona dan l-aħħar bdiet tiffoka fuq vettura inqas attraenti: il-minibus. B'mod partikolari, it-tip li jaħdmu bid-diżil li jinsabu f'xi wħud mill-akbar bliet tad-dinja li qed jiżviluppaw.

L-idea hija sempliċi. QEV tiżviluppa u tipprovdi s-sistema tal-motopropulsjoni sħiħa (il-mutur u l-komponenti l-oħra li jmexxu u jikkontrollaw il-vettura) u l-pakkett tal-batteriji ta' vettura elettrika. Il-manifatturi tax-xarabank lokali jqiegħdu l-bodì tal-minibus il-ġdida tagħhom fuq din.

"In-nies li jibnu x-xarabankijiet attwalment jibnu l-bodì fuq l-istrutturi," jgħid Miguel Valldecabres, il-kap eżekuttiv ta' QEV. "Qed nipprovdulhom pjattaforma elettrika bi spiża baxxa li tippermettihom ikomplu dak li qed jagħmlu llum: li jqiegħdu bodì fuq pjattaforma."

Fil-Filippini, QEV qed taħdem ma' msieħeb lokali, Global Electric Transport, fuq vettura elettrika biex tissostitwixxi l-jeepney ikonika tal-pajjiż, il-minibus ikkulurita li tagħmel parti mis-sinsla tat-trasport pubbliku. Il-gvern qiegħed gradwalment ineħħi madwar 220 000 jeepney tad-diżil li hemm fil-pajjiż, li oriġinarjament kienu nbnew minn vetturi militari Amerikani li tħallew hemm wara t-Tieni Gwerra Dinjija.

Bħala wieħed miċ-ċentri urbani l-aktar imniġġes fid-dinja, Manila mhix l-unika belt fid-dinja li qed tiżviluppa li qed taqleb għall-elettriku. QEV għandha wkoll ordni għal 150 pjattaforma tax-xarabankijiet minn Lima, il-Perù, u qed tħares ukoll lejn il-Malażja u l-Indoneżja. **Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġja lil QEV b'investiment ta' €17-il miljun.**

Valldecabres jgħid li l-konverżjoni lejn il-vetturi elettriċi qed isseħħ aktar malajr milli jaħsbu n-nies. "Mhix se tkun trasformazzjoni tul 10 snin," huwa jgħid. "Se tkun rivoluzzjoni ta' tliet snin."

Żieda fl-użu tal-vetturi elettriċi

Ir-rivoluzzjonijiet imajnaw u jintrefgħu u t-trasport elettriku mhuwiex eċċezzjoni. L-industrija qed taffronta sfidi kbar, primarjament l-ispiża għolja tal-vetturi elettriċi, in-nuqqas tal-infrastruttura għall-iċċarġjar u firxa limitata ta' mudelli biex iħajru lill-klijenti. Filwaqt li l-bejgħ ta' karozzi elettriċi tal-passiġġieri qed jikber malajr ħafna fl-Ewropa – il-bejgħ tela' għal 45% fl-2019 – il-penetrazzjoni fis-suq tibqa' baxxa.

"Bdejna mix-xejn, iżda wasalna f'punt fejn il-bejgħ qed jiżdied b'rata qrib għal 50% kull sena," jgħid Stéphane Petti, speċjalista tal-BEI fit-trasport innovattiv. "Huwa ċar li issa qed jiżdied l-użu."

Mod wieħed biex is-suq tal-karozzi jxaqleb lejn l-elettriku huwa billi l-kumpaniji tal-kiri jitħeġġu biex jagħmlu l-bidla. Madwar 15% tal-bejgħ tal-karozzi ġodda fl-Ewropa huwa għal skopijiet ta' kiri. Għal dik ir-raġuni, il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jappoġġja lil **ALD Automotive**, l-akbar ditta tal-kiri tal-karozzi fl-Ewropa, b'investiment ta' €250 miljun biex jgħin iħallas għal 15 000 vettura elettrika ġdida. L-ALD tippjana li żżid il-flotta tal-vetturi ekoloġiċi minn 118 000 f'nofs l-2019 għal 200 000 sat-tmiem tal-2020.

Għal ALD, it-tranżizzjoni għall-vetturi ekoloġiċi hija riskjuża. Il-mudell kummerċjali tal-kumpaniji tal-kiri jiddependi ħafna fuq il-bejgħ mill-ġdid jew il-valur residwu tal-karozzi tagħhom wara l-perjodu tal-kiri, iżda s-suq tal-bejgħ mill-ġdid għall-vetturi elettriċi għadu fi stadju bikri. "Jekk nixtri karozza ta' €40 000, kemm se nbiegħha? €25 000? €15 000?" Petti jgħid. "Jekk l-istima tiegħi tkun ħażina, in-negozju tiegħi jista' jfalli f'ħakka f'għajn."

Is-soluzzjoni għall-kwistjoni elettrika

Is-suq tal-karozzi elettriċi żviluppa bil-mod fl-Ewropa, meta mqabbel ma' swieq oħrajn, bħaċ-Ċina. Dan in-nuqqas ta' żvilupp (flimkien man-nuqqas tal-infrastruttura disponibbli) illimita n-numru ta' mudelli elettriċi disponibbli. "Għal bosta snin, kull manifattur tal-karozzi kien qed iwettaq proġett żgħir u xejn ma kien qed jiġi żviluppat malajr," jgħid Aris Pofantis, inġinier ewlieni fid-dipartiment tal-Innovazzjoni u l-Kompetittività tal-BEI. Il-manifatturi tal-karozzi issa rrealizzaw li sabiex jissodisfaw ir-regolamenti dwar l-emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju, l-isforzi fl-elettrifikazzjoni jeħtieġ li jiżdiedu sostanzjalment. "Anke dawk il-manifatturi tal-karozzi li ma tantx kienu ħerqana dwar l-elettriku issa qed jibdew jinvestu aktar flus fih," jgħid Pofantis.

> **"Anke dawk il-manifatturi tal-karozzi li ma tantx kienu ħerqana dwar l-elettriku issa qed jibdew jinvestu aktar flus fih."**
>
> **Aris Pofantis,** inġinier ewlieni tal-BEI għall-Innovazzjoni u l-Kompetittività

Petti jistenna li jinħarġu 200 mudell ġdid ta' karozza fis-sentejn jew fit-tliet snin li ġejjin. "Din l-għażla se taċċellera aktar ir-rata tal-użu," huwa jgħid.

L-aħħar parti tal-kwistjoni elettrika, l-infrastruttura tal-iċċarġjar, tista' tkun l-aktar waħda skoraġġanti. L-għadd ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar fl-Unjoni Ewropea kiber sew, iżda l-Ewropa xorta għad trid tespandi radikalment jekk il-vetturi elettriċi jridu jaqbdu sew.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma bosta proġetti matul dawn l-aħħar sentejn ma' kumpaniji bħal **Allego, Greenway, BeCharge** u **Enel X** biex jappoġġja t-tnedija ta' din l-infrastruttura għal total ta' €200 miljun. Sabiex tiġi sodisfatta l-ambizzjoni tal-UE li jkun hemm miljun stazzjon tal-iċċarġjar sal-2025, ikunu meħtieġa qrib €10 biljun ta' investiment, jgħid Petti. Filwaqt li €10 biljun jista' jitqies bħala ammont kbir ħafna, dan huwa "żgħir ħafna" meta mqabbel mal-ispiża totali tal-investiment tat-trasport tal-Ewropa, huwa jgħid.

Il-mobbiltà bħala servizz

Qed ifeġġu kuljum servizzi ġodda ta' trasport kondiviż, u l-biċċa l-kbira minnhom huma elettriċi. Anke r-rota qed tingħata spinta elettrika. **Fazua**, kumpanija żgħira Ġermaniża, żviluppat sistema tal-motopropulsjoni elettrika għar-roti mqiegħda f'unità kompatta waħdanija li tiżen biss 3.3 kilo. B'hekk ir-roti tat-tlielaq jibqgħu żnelli, filwaqt li tiżdied il-mobbiltà tagħhom. Fl-2019 il-Bank iffirma self ta' €12-il miljun lil Fazua.

Bl-għażliet kollha disponibbli għalihom – roti, scooters, karozzi kondiviżi u anke r-rota tat-tlielaq mżewqa li qed tissupplimenta t-trasport pubbliku – il-ġenerazzjonijiet aktar żagħżugħa qed juru inqas interess li jixtru karozza bħalma għamlu l-ġenituri tagħhom. Għalihom, karozza hija servizz li jħallsu għalih, u mhux xi ħaġa li tkun tagħhom stess. "Hija aktar kwistjoni ta' konvenjenza u prattika dwar kif immur minn A sa B," jgħid Aleksandar Mihajlovic, l-uffiċjal għas-self tal-BEI responsabbli għall-QEV. "Il-ġejjieni huwa l-mobbiltà bħala servizz."

L-ILĦNA TAL-FINANZJAMENT

IL-FIL EKOLOĠIKU

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jaħdem fuq ideat ta' finanzjament ġodda biex jilqa' għall-isfida tal-klima

Neħtieġu nressqu proposti ta' valur li jmorru lil hinn minn finanzjament sempliċi. Dan ifisser teħid ta' riskju, kondiviżjoni ta' riskju u konsulenza soda. Sabiex niżviluppaw prodotti ġodda u aktar flessibbli, irridu nisimgħu lill-klijenti tagħna u nibnu fuq is-suġġerimenti tagħhom. Il-kooperazzjoni mill-qrib ma' finanzjaturi oħrajn – u b'mod partikolari fi ħdan il-Grupp tal-BEI mal-Fond Ewropew tal-Investiment – se tkun essenzjali biex niksbu l-miri ambizzjużi tagħna.

Heinz Olbers, direttur, l-Ewropa tal-Punent, Attivitajiet, BEI

Nistennew li s-Servizzi ta' Konsulenza jkollhom rwol dejjem jikber fl-iżvilupp ta' pjanijiet u prodotti fl-appoġġ tal-ambizzjonijiet tal-Grupp tal-BEI għall-klima u s-sostenibbiltà. Filwaqt li ċertament se nkomplu ngħinu fit-tħejjija ta' proġetti ta' tranżizzjoni tal-enerġija, b'mod ugwali nbassru aktar fokus konsultattiv fuq l-innovazzjoni f'dan il-qasam – mhux biss hekk kif l-ekonomija ċirkolari xxaqleb minn suq niċċa għal suq normali, iżda wkoll hekk kif teknoloġiji ġodda u mudelli kummerċjali diġitali jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati l-isfidi tat-tibdil fil-klima. Sabiex ngħinu dawn l-iżviluppi, naraw ukoll il-ħtieġa li nappoġġjaw l-emerġenza ta' forom ġodda ta' sħubija bejn is-setturi privati u pubbliċi, billi nagħmlu użu mill-inġenjożità tal-intraprendituri, filwaqt li nirrikonoxxu r-rwol pubbliku billi ngħinu sabiex nerfgħu r-riskju fl-istadju bikri.

Simon Barnes, direttur, Servizzi ta' Konsulenza, BEI

Se jkollna l-isfida li nkattru aktar il-finanzjament tal-effiċjenza fl-enerġija. Nittamaw li se naraw aktar finanzjament ta' teknoloġiji innovattivi u fornituri tas-servizz b'appoġġ għall-azzjoni dwar il-klima, bħal fil-qasam tal-ġestjoni tal-bini, id-domanda għal soluzzjonijiet b'rispons u l-gassijiet b'użu baxx tal-karbonju. Fl-enerġija rinnovabbli, se nkomplu bl-appoġġ sod tagħna għas-settur, potenzjalment billi naħdmu aktar mal-iżviluppaturi u l-utilitajiet u fil-pajjiżi li baqgħu lura, biex insibu modi biex ninnavigaw ir-riskju tas-suq dejjem jikber fl-istrutturar tal-proġetti.

Dirk Roos, kap tat-taqsima, Programmi għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija, Proġetti, BEI

Assistenza konsultattiva u teknika se tkun l-element ewlieni fis-suċċess tal-ambizzjonijiet tal-Grupp tal-BEI għall-klima, sabiex jiġu identifikati l-opportunitajiet fis-suq biex l-intervent tagħna jiġi rinnovat jew imkabbar. Se tittratta wkoll l-għajnuna lill-imsieħba tagħna – banek u oħrajn – biex nifhmu aħjar u napplikaw opportunitajiet ta' investiment aktar ekoloġiku, u min-naħa tagħhom jgħinu lill-klijenti tagħhom fil-kamp. Fl-effiċjenza fl-enerġija, pereżempju, kollha nafu li l-ostakli mhux finanzjarji huma aktar importanti minn dawk finanzjarji – għaldaqstant il-ħtieġa għal assistenza teknika aktar immirata marbuta mal-identifikazzjoni, it-tħejjija u l-aggregazzjoni tal-proġetti għall-investiment. Jien nara dan bħala l-opportunità kbira tagħna għall-ġejjieni skont il-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Frank Lee, kap tat-taqsima, Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti, BEI

Matul l-2019, il-Bank Ewropew tal-Investiment żied b'mod sinifikanti l-attivitajiet tiegħu ta' għoti ta' self lill-Amerika Latina biex itejjeb l-appoġġ tiegħu għall-politiki tal-għajnuna għall-iżvilupp u l-kooperazzjoni tal-Unjoni Ewropea – b'aktar attenzjoni fuq l-azzjoni dwar il-klima. Il-firem inkludew self qafas għall-azzjoni dwar il-klima ma' bank reġjonali tal-iżvilupp, self lil kumpanija reġjonali tal-ilma u self qafas ma' kumpanija b'sjieda Ewropea biex jinbnew parks eoliċi. L-attivitajiet tagħna fl-Amerika Latina huma konformi mal-prijoritajiet tal-UE, li huma l-azzjoni dwar il-klima u l-ambjent, l-investimenti sostenibbli u, aktar riċentement, l-appoġġ għall-isforzi tal-pajjiżi biex jospitaw nies spostati mill-Venezwela.

Kristin Lang, kap tat-taqsima, Investiment fis-Settur Pubbliku tal-Amerika Latina u tal-Karibew, Attivitajiet, BEI

L-azzjoni b'mod effettiv dwar it-tibdil fil-klima teħtieġ trasformazzjoni profonda kemm fil-modi tal-produzzjoni u tal-konsum. Trasformazzjoni li hija possibbli biss bl-iżvilupp, l-iskalar u l-użu ta' teknoloġiji b'użu baxx tal-karbonju u teknoloġiji diġitali. Il-Bank Ewropew tal-Investiment hawn jista' jkollu rwol kruċjali: billi nqiegħdu l-isforzi tagħna fi proġetti fejn jitnaqqas ir-riskju biex tiġi aċċellerata l-innovazzjoni mill-aktar avvanzata (jiġifieri, ta' riskju għoli).

Laura Piovesan, direttriċi, Proġetti għall-Innovazzjoni u l-Kompetittività, BEI

IDRAH

Jekk ninvestu f'azzjoni innovattiva dwar il-klima, l-impatt tat-tisħin globali xorta se jkun sever. Il-proġetti mmirati biex jgħinu lil nies u postijiet f'pajjiżi li qed jiżviluppaw biex jadattaw għal dawn l-effetti drammatiċi huma dejjem aktar importanti.

Ħafna mill-azzjoni dwar il-klima tiffoka fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-karbonju. Iżda xi effetti tat-tibdil fil-klima diġà qed iseħħu, ta' sikwit b'konsegwenzi diżastrużi. Il-proġetti li jadattaw lin-nies u l-postijiet għal dawn l-impatti klimatiċi huma vitali fil-ġlieda kontra t-tisħin globali. Dan l-adattament għat-tibdil fil-klima ma jingħatax daqstant attenzjoni mill-midja daqs il-karozzi elettriċi, l-enerġija solari jew il-parks eoliċi, iżda huwa importanti daqshom.

L-adattament jinvolvi infrastruttura, bħall-pontijiet aktar sodi biex ma jċedux fl-għargħar, uffiċċji ġodda li jużaw inqas enerġija jew toroq aħjar li ma jiġux imkaxkra fil-maltempati. Dan jista' jfisser l-addizzjoni sempliċi ta' air-conditioning fl-iskejjel fl-Asja, jew jista' jkun ikkumplikat bħall-installazzjoni ta' sistemi ta' drenaġġ tal-ilma tax-xita f'belt Afrikana. L-adattament ivarja mill-agrikoltura għall-edukazzjoni, għall-kura tas-saħħa u l-provvista tal-ilma, għall-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni u l-erożjoni kostali.

L-istati gżejjer jew reġjuni vulnerabbli fl-Asja u l-Afrika jeħtieġu assistenza speċjali biex jadattaw, minħabba li se jkunu l-aktar milquta mit-tibdil fil-klima. Diġà qed ibatu mil-livelli tal-baħar dejjem jogħlew, nirien bla kontroll u maltempati aktar devastanti.

"L-adattament jgħin lin-nies jevitaw l-agħar impatti tat-tibdil fil-klima," tgħid Nancy Saich, kap esperta fit-tibdil fil-klima mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Iżda din il-ħidma mhix faċli, għalhekk qed naħdmu aktar mal-klijenti tagħna biex nifhmu l-vulnerabbiltà tagħhom għat-tibdil fil-klima u kif aħna nistgħu ngħinuhom jieħdu miżuri biex jissodaw ir-reżiljenza tagħhom għall-klima."

Aktar għajnuna teknika u aktar flus

Mad-dinja kollha, il-pajjiżi u l-bliet qed jibdew proġetti biex iħejju għall-effetti tat-tibdil fil-klima. Ħafna minn dawn il-proġetti jeħtieġu għajnuna teknika u ħafna aktar finanzjament biex jirnexxu.

F'**Laos**, it-toroq mgħarrqa jikkawżaw problemi kbar kull sena. L-uqigħ tal-art u l-għargħar fil-pajjiż sikwit jikkawżaw l-għeluq tat-toroq li jista' jdum għal bosta ġimgħat, u dan jimpedixxi lin-nies milli jmorru s-suq biex jixtru l-ikel jew milli jmorru jżuru t-tabib, filwaqt li t-tfal spiss ma jistgħux jattendu l-iskola. Il-gvern qed itejjeb 1 400 kilometru ta' toroq f'żoni rurali fil-ġlieda kontra l-għargħar u biex isewwi l-ħsara mix-xita preċedenti. It-toroq il-ġodda se jkunu aktar b'saħħithom, bl-użu ta' materjal aħjar u se jkollhom skular imtejjeb biex jitnaqqas l-għadd tal-għeluq tat-toroq waqt maltempati kbar tax-xita.

"Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma vulnerabbli minħabba li t-tiswijiet u d-disinni mhumiex dejjem ibbażati fuq tbassir tat-temp estrem, u l-istandards tal-kostruzzjoni jistgħu jkunu baxxi minħabba restrizzjonijiet tal-baġit," jgħid Meryn Martens, speċjalista superjuri tat-trasport mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €20 miljun fl-2018 u self ta' €100 miljun fl-2019 biex jgħin lil Laos tibni dawn it-toroq il-ġodda, sinjali aħjar, mogħdijiet, żebra crossings u tidwil. L-investiment se

> **"Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw huma vulnerabbli minħabba li t-tiswijiet u d-disinni mhumiex dejjem ibbażati fuq tbassir tat-temp estrem, u l-istandards tal-kostruzzjoni jistgħu jkunu baxxi minħabba restrizzjonijiet tal-baġit."**
>
> **Meryn Martens,** speċjalista superjuri tal-BEI għat-trasport

jgħin lil aktar minn 1.6 miljun persuna. "Komunitajiet madwar Laos kollu se jibbenefikaw minn dan il-proġett," jgħid Kikeo Chanthaboury, viċi ministru tal-ippjanar u l-investiment għall-pajjiż.

Adattament għall-uragani

Fir-**Repubblika Dominicana** proġett ta' adattament simili qed jerġa' jibni toroq u infrastruttura oħra li ġarrbet ħsara bl-uragan tal-2016 u bl-għargħar tal-2017. Dan il-proġett għandu l-mira li jinbnew 1 100 dar affordabbli, 55 kilometru ta' toroq u erba' kilometri ta' infrastruttura għall-prevenzjoni tal-għargħar. Il-proġett se jgħin ukoll lill-komunitajiet jintegraw l-adattament għall-klima fl-ippjanar muniċipali. Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' $50 miljun għal dan il-proġett f'Lulju 2019, u l-Unjoni Ewropea pprovdiet għotja ta' €20 miljun. Fil-gżira ta' **Haiti**, il-Bank Ewropew tal-Investiment approva self ta' €25 miljun f'April 2019 biex jerġgħu jinbnew toroq u pontijiet li ġew meqruda mill-Uragan Matthew. Dan il-proġett se jirċievi wkoll għotja tal-UE.

Aktar nuqqasijiet tal-ilma

L-ilma huwa kwistjoni importanti oħra tal-adattament. Il-**Lesoto**, pereżempju, qed jesperjenza nixfiet estiżi u aktar nuqqasijiet tal-ilma minħabba t-tibdil fil-klima. Ħafna nies f'dan il-pajjiż Afrikan m'għandhomx aċċess għal ilma tajjeb għax-xorb u spiss ikollhom jimxu għal sigħat twal biex jilħqu ilma tajjeb għax-xorb. Proġett wieħed fil-pjanuri tal-pajjiż, fejn jgħixu madwar żewġ terzi tal-popolazzjoni, qed itejjeb l-aċċess għall-ilma tajjeb għax-xorb u s-sanità. Il-proġett se jtejjeb is-sistemi tad-dħul tax-xmara, l-impjanti tat-trattament tal-ilma, il-pajpijiet tat-trażmissjoni u l-istazzjonijiet tal-ippumpjar. Il-Bank Ewropew tal-Investiment approva self ta' €82 miljun fl-2019 għal dan il-proġett.

Il-BEI jappoġġja wkoll fondi ta' investiment innovattiv li qed jindirizzaw l-isfidi tal-adattament. Fond ġdid imsejjaħ CRAFT, il-Faċilità tat-Trasferiment tal-Finanzjament u t-Teknoloġija għar-Reżiljenza u l-Adattament għall-Klima, qed jiżviluppa teknoloġiji ġodda u servizzi speċjalizzati biex jgħin lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw jindirizzaw in-nixfiet, il-maltemp, il-mard, l-enerġija solari u mir-riħ. Il-Bank Ewropew tal-Investiment investa $30 miljun fi CRAFT u mexxa wkoll €5 miljun permezz tal-Pjattaforma tal-Finanzjament Klimatiku Lussemburgu-BEI bħala kapital ta' riskju li jikkatalizza aktar flus billi jattira investituri privati.

L-adattament fil-fatt huwa eżempju tajjeb ta' kif permezz tal-ħidma ta' żvilupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment ikun jista' jaqsam l-għarfien u l-innovazzjoni Ewropej, filwaqt li joffri wkoll konsulenza dwar proġetti li huma mfasslin apposta għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw.

IT-TIBDIL FIL-KLIMA FIL-BELT

L-adattament urban għall-klima huwa l-pass li jmiss għall-bliet Ewropej li jeħtieġu li jipproteġu lilhom infushom – u liċ-ċittadini tagħhom – mill-effetti inevitabbli tat-tibdil fil-klima. Dawn huma xi ideat biex isir dan.

Ir-riskju tal-għargħar u avvenimenti ta' temp estrem oħra li dejjem qed jiżdiedu huma problema ewlenija għall-ippjanaturi fi bliet storiċi, li ma tantx jistgħu jagħmlu bidliet fit-toroq densi u dojoq taċ-ċentri qodma. Huwa għalhekk li Firenze, li għandha ċentru mill-aktar storiċi, qed twettaq pjan biex toħloq żoni madwar l-Ema, tributarju tal-akbar xmara tal-belt, l-Arno, li se tixrob għargħar futur bħal sponża. Meta x-xmara ma tkunx mgħarrqa, dawn iż-żoni se jkunu parks li jistgħu jgawduhom iċ-ċittadini.

Huwa pjan għaqli u hija xi ħaġa li se jagħmlu aktar u aktar bliet madwar id-dinja kollha. **Il-bliet qed jadattaw għall-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima b'soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura li fl-istess ħin jagħmlu l-belt aktar attraenti u sabiħa għar-residenti.** Il-Bank Ewropew tal-Investiment għandu relazzjoni fit-tul ma' Firenze, billi ta bosta selfiet lill-belt tat-Toskana matul id-deċennji. Riċentement il-Bank irrisponda għat-tibdil fil-klima billi ħeġġeġ lil dawk kollha li jissellfu biex jaħsbu dwar dak li tfisser għalihom il-kriżi tal-klima.

Firenze u l-adattament urban għall-klima

Il-bliet għandhom jaffrontaw l-impatt li sikwit ikun diżastruż tat-tibdil fil-klima billi dan diġà jaffettwahom – u huwa probabbli li se jkompli hekk fid-deċennji li ġejjin, anke fix-xenarji l-aktar favorevoli. **Dan l-adattament għat-tibdil fil-klima huwa importanti fil-bliet, minħabba l-konsegwenzi ekonomiċi u soċjali tal-għargħar jew tal-mewġiet tas-sħana estremi fuq popolazzjonijiet mhux imħejjija.**

Dan huwa kif il-Bank Ewropew tal-Investiment ħadem ma' Firenze f'kompitu ta' konsulenza mwettaq fl-2019 dwar id-definizzjoni tal-istrateġija tagħha għall-klima u l-proġetti reżiljenti għall-klima li jistgħu jiġu ffinanzjati mill-Bank.

Permezz taċ-**Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti**, sħubija bejn il-Bank u l-Kummissjoni Ewropea, qabbadna konsulent biex jaħdem mal-muniċipalità ta' Firenze biex tittejjeb l-iskema ppjanata għall-protezzjoni mill-għargħar, sabiex tkun tista' tindirizza wkoll riskji addizzjonali tat-tibdil fil-klima. L-istudju kien immirat biex joħloq Infrastruttura Ħadra-Blu ġdida fuq ix-xmara Ema għal firxa ta' miżuri minn effetti ta' sħana mnaqqsa ta' gżira għal kwalità tal-ilma mtejba u aktar bijodiversità. Fil-qosor, l-istudju żviluppa pjan biex itejjeb il-kapaċità taż-żona madwar l-Ema barra miċ-ċentru tal-belt biex jassorbi l-livelli tal-ilma li jkunu qed jogħlew. Dan iwassal għal inqas għargħar li jagħmel ħsara fiċ-ċentru tal-belt.

L-ADATTAMENT URBAN GĦALL-KLIMA

> **Firenze żviluppat proġett li juża park madwar ix-xtut tal-Ema għal soluzzjoni bbażata fuq in-natura għall-problema.**

Bl-għajnuna tal-istudju, Firenze kkoordinat ma' żewġ muniċipalitajiet iżgħar fuq il-fruntieri tagħha u żviluppat proġett li juża park madwar ix-xtut tal-Ema għal **soluzzjoni bbażata fuq in-natura** għall-problema. **Minflok ma bnew tankijiet tal-konkrit biex jiġbru l-ilma tal-għargħar, bnew għoljiet u widien f'park li jistgħu jassorbu l-għargħar u, meta ma jkunx hemm għargħar, jintuża wkoll bħala post għar-rikreazzjoni, inklużi mogħdijiet għar-roti.**

Adattament f'Ateni

Ateni hija eżempju tajjeb ta' belt li tassew poġġiet l-adattament bħala element ċentrali tal-istrateġija ta' reżiljenza tagħha.

It-tessut urban ta' Ateni huma magħmul minn kostruzzjonijiet densi li jkopru 80% tas-superfiċje tal-belt. Dan l-asfalt u l-konkrit kollu jżomm is-sħana waqt il-mewġiet tas-sħana estiżi li hija dejjem aktar esposta għalihom il-belt. Dawn il-**gżejjer urbani tas-sħana** fiċ-ċentru tal-belt jistgħu jkunu aktar minn 10°C aktar sħana mis-subborgi. Iżda l-asfalt u l-konkrit mhux biss huma problema meta tkun is-sħana. Dawn iwaqqfu wkoll l-ilma milli jinxtorob mill-art waqt il-maltempati tax-xita. Ir-riżultat: għargħar f'daqqa lokali frekwenti.

Il-belt ħadmet biex issolvi dawn il-problemi, li huma r-riżultat tat-tibdil fil-klima. Ateni se tagħti bidu għal sett ta' proġetti innovattivi ta' adattament għall-klima ffinanzjati mill-**Faċilità ta' Finanzjament tal-Kapital Naturali**, programm immexxi mill-Bank Ewropew tal-Investiment b'kooperazzjoni mal-Kummissjoni Ewropea li jiffoka fuq il-konservazzjoni tan-natura, il-bijodiversità u l-adattament għat-tibdil tal-klima permezz ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura. Il-proġett jinkludi wkoll ħidma ta' konsulenza miċ-**Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti** li tlestiet fl-2019.

Il-proġett ta' Ateni tal-Faċilità ta' Finanzjament ta' Kapital Naturali huwa mistenni li joħloq mill-inqas 25% aktar ta' żoni ħodor u jintroduċi bosta miżuri għall-adattament għall-klima li jinkludu bejtiet tal-għasafar u siġar. Il-kurituri ħodor huma importanti ħafna għall-bijodiversità, minħabba li l-ispeċji u l-mases tal-arja jkunu jistgħu jiċċaqilqu.

Huma wkoll pjaċevoli ħafna għar-residenti tal-belt.

L-ILĦNA TAL-PROĠETTI

IL-FIL EKOLOĠIKU

Il-Bank Ewropew tal-Investiment iwettaq il-ħidma tiegħu. Liema tipi ta' proġetti dwar il-klima u l-ambjent qed jistennew li jaħdmu fuqhom l-esperti tagħna fil-futur qrib?

Is-settur tat-trasport għaddej minn perjodu ta' bidla profonda waqt li jindirizza ż-żewġ sfidi tad-dekarbonizzazzjoni u d-diġitizzazzjoni. Fl-istess ħin, aħna qed nindirizzaw deċennju ta' nuqqas ta' investiment fl-infrastruttura bażika. Ir-rwol u l-opportunitajiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment fis-settur għaldaqstant se jkollu rwol ferm aktar importanti fis-snin li ġejjin, u l-Bank qiegħed f'pożizzjoni tajba biex ikoll rwol pivotali fit-trasformazzjoni tat-trasport. L-appoġġ tagħna se jintensifika għal trasport aktar nadif u sigur, u dan se jinvolvi proġetti u klijenti ġodda.
Fl-istess ħin, se tinżamm prijorità li tiġi appoġġjata l-infrastruttura tat-trasport bażika li hija meħtieġa għall-funzjonament tal-ekonomija ekoloġika ġdida. Is-snin li jmiss se jkunu kritiċi u ta' sfida u aħna ħerqana li l-BEI se jkollu rwol ċentrali.

Gavin Dunnett, direttur, Mobbiltà, Proġetti, BEI

Nistennew li niffinanzjaw aktar proġetti relatati mal-adattament għat-tibdil fil-klima li se jikkumplimentaw ir-rekord qawwi tal-Bank Ewropew tal-Investiment fi proġetti tal-enerġija rinnovabbli fl-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, l-Asja u l-Amerika Latina. Il-pajjiżi li qed jiżviluppaw qed isiru aktar konxji tal-konsegwenzi diżastrużi tat-tibdil fil-klima għan-nies tagħhom u għall-ekonomiji tagħhom, u naraw aktar domanda għal proġetti li jibnu r-reżiljenza – użu aħjar tal-ilma, infrastruttura reżiljenti għal kundizzjonijiet tat-temp estremi, l-adattament tal-għelejjel, ir-riforestazzjoni, id-diversifikazzjoni ekonomika, u hekk. L-isfida li jmiss għal dawn ir-reġjuni hija li l-kunsidrazzjonijiet għall-effiċjenza fl-enerġija u s-soluzzjonijiet tal-ekonomija ċirkolari jiġu integrati fil-pjanijiet tagħhom għall-iżvilupp urban u l-industrijalizzazzjoni.

Maria Shaw-Barragan, direttriċi, Msieħba Globali, Attivitajiet, BEI

Ma nistax nenfasizza biżżejjed l-importanza tal-adattament għall-klima. Il-protezzjoni mill-għargħar hija eżempju tajjeb. Ħafna mill-benefiċjarji tal-Bank jgħixu f'żoni kostali u huma partikolarment vulnerabbli għall-effetti tat-tibdil fil-klima. L-adattament ifisser ukoll li l-provvista tal-ilma tiġi kkunsidrata. Sal-2025, 800 miljun persuna se jkollhom ikampaw bi skarsezza tal-ilma. Aħna dejjem nikkunsidraw kif id-disponibbiltà tar-riżorsi tal-ilma se tevolvi maż-żmien u aħna nadattaw billi niddiversifikaw is-sorsi. L-ilma huwa neċessarju biex isostni l-ħajja u l-iżvilupp ekonomiku. It-tnaqqis fir-riżorsi tal-ilma għandu impatt fuq kollox, u mhux biss l-ilma mill-vit. Mingħajr l-ilma, il-produzzjoni industrijali u agrikola u t-tkabbir kummerċjali jonqsu, u t-tensjonijiet soċjali jikbru. Is-soċjetà kollha – u mhux biss dawk li jaħdmu fis-settur tal-ilma – trid taħseb dwar l-ilma u l-provvista tiegħu fil-futur.

Karine Measson, kap tat-taqsima, Ġestjoni tal-Ilma, Proġetti, BEI

Il-bliet qegħdin dejjem aktar iwaqqfu l-istrateġiji klimatiċi tagħhom, qed jifhmu l-vulnerabbiltajiet tagħhom għall-klima, u għaldaqstant jistgħu aktar jipproponu proġetti orjentati lejn il-klima għall-finanzjament. Fl-istess ħin, qed naraw l-innovazzjoni permezz ta' tipi ġodda ta' proġetti (pereżempju, l-integrazzjoni ta' soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-investiment urban), mudelli kummerċjali ġodda (bħal kumpaniji li jipprovdu servizzi tal-ekonomija ċirkolari) u intermedjarji li huma aktar interessati fil-faċilitajiet tal-istrutturar li għandhom fil-mira l-azzjoni dwar il-klima. Il-Patt Ekoloġiku jagħmel enfasi qawwija fuq ir-rinnovazzjoni – fil-kuntest urban, nistgħu nistennew li naraw enfasi akbar fuq ir-rinnovazzjoni tal-bini, pereżempju fi djar soċjali u affordabbli. L-ekonomija ċirkolari u l-inizjattivi ta' belt ċirkolari wkoll qed jiżdiedu u naħsbu li dan jista' jżid ir-riċiklaġġ, ir-riġenerazzjoni ta' siti abbandunati u binjiet ekoloġiċi, li jistgħu jikkontribwixxu għall-azzjoni dwar il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali. Barra mill-UE, qed naraw ukoll sforzi minn bliet u netwerks ta' bliet biex jiffokaw fuq l-ippjanar tal-azzjoni dwar il-klima, u nistennew li naraw tkabbir fl-investimenti li jikkontribwixxu għall-azzjoni dwar il-klima urbana permezz ta' mobbiltà sostenibbli, miżuri ta' reżiljenza urbana bħall-kontroll tal-għargħar jew ir-reżistenza għal nixfiet, jew binjiet effiċjenti fl-enerġija.

Gerry Muscat, kap tat-taqsima, Żvilupp Urban, Proġetti, BEI

Għall-korporattivi fi Spanja, xorta naraw xi potenzjal għal binjiet b'użu ta' enerġija ta' kważi żero u investimenti ta' rinnovazzjoni relatata mal-effiċjenza fl-enerġija minn trusts tal-investiment tal-proprjetà immobiljari. Nidentifikaw ukoll xi potenzjal fil-finanzjament tal-installazzjonijiet fotovoltajċi minn kumpaniji għall-konsum tal-elettriku tagħhom stess (immexxi minn bidla riċenti fil-liġi Spanjola). Nistgħu naraw aktar investimenti ta' flotot nodfa minn operaturi tal-karozzi tal-linja jew minn kumpaniji oħra li joperaw vetturi. L-istrument ta' finanzjament għal dawn il-korporattivi (fil-biċċa l-kbira kumpaniji mid-cap) primarjament se jikkonsisti f'self senior.

Martin Arnold, kap tat-taqsima, Korporattivi tal-Iberja, Attivitajiet, BEI

It-tibdil fil-klima jimmanifesta ruħu fil-biċċa l-kbira permezz ta' inqas jew aktar xita aktar mill-varjazzjonijiet staġjonali normali, għalhekk is-settur tal-ilma huwa wieħed mill-aktar affettwati. Is-settur dejjem qies il-varjanzi fil-klima, iżda d-dataset idroloġiku issa qed jinbidel b'perjodi nixfin itwal u aktar għargħar. Diġà hemm soluzzjonijiet aktar intelliġenti, bħall-użu ta' art tajba biex ikun hemm tnaqqis fl-għargħar meta x-xmajjar ifuru jew it-trattament ta' ilma mormi għall-użu mill-ġdid fl-irrigazzjoni. Bl-urbanizzazzjoni kontinwa u l-pressjoni fuq is-sistemi ambjentali tagħna, l-affidabbiltà tal-ilma tista' tiġi ggarantita biss billi jiġu antiċipati l-bidliet f'dak li huwa diġà l-parametru tad-disinn ewlieni tas-settur: il-klima.

Thomas van Gilst, kap tat-taqsima, Affidabbiltà tal-Ilma u Reżiljenza, Proġetti, BEI

Fl-Eġittu, il-Bank għandu portafoll kbir ta' proġetti fis-setturi relatati mal-mitigazzjoni tal-klima (trattament tal-ilma, tnaqqis ambjentali u trasport). Għas-sena li ġejja, il-Bank se jżid u jespandi l-preżenza tiegħu f'dawn is-setturi, b'mod partikolari t-trasport. Il-pajjiż għandu livelli għoljin ta' tniġġis u qed jesperjenza pressjoni demografika li qed tikber malajr – il-popolazzjoni tal-Eġittu se tilħaq 100 miljun fl-2020 u hija mbassra li se taqbeż il-200 miljun sa tmiem is-seklu. L-awtoritajiet pubbliċi qed iżidu l-azzjonijiet biex jipprovdu servizzi affidabbli u sostenibbli li huma effiċjenti u mingħajr l-użu tal-karbonju. L-appoġġ tekniku u finanzjarju tal-Bank f'dawn l-oqsma huwa tassew apprezzat.

Alfredo Abad, kap tal-uffiċċju tal-Kajr, BEI

RIĊETTA GĦALL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA

Ideat tajbin għall-kura tas-saħħa spiss ikollhom il-problemi biex jinġabru l-flus biex javvanzaw lil hinn mir-riċerka bikrija. L-investiment tal-BEI jindirizza din il-problema

It-tibdil fil-klima jista' jżid il-problemi tal-NGOs u x-xjentisti jridu jaffaċċjaw li jindirizzaw mard prinċipali. Nieħdu l-malarja bħala eżempju. It-temperaturi aktar sħan qed iżidu l-popolazzjonijiet tan-nemus, għalhekk il-kumpaniji tal-bijoteknoloġija qed jinvestu f'għodod ġodda biex jipprevjenu u jittrattaw il-malarja fl-Afrika.

Kuljum fl-Afrika, madwar 700 tifel u tifla jmutu bil-malarja, waħda mill-mardiet infettivi l-aktar letali fil-kontinent. Ir-riċerka u l-iżvilupp fil-malarja huma mxekkla minn defiċit ta' bejn €1.8 biljun u €2.7 biljun fil-finanzjament, primarjament għall-iskalar tal-prodotti. Dan in-nuqqas qed imur għall-agħar minħabba aktar reżistenza għall-insettiċidi użati fuq il-filoxxi tas-sodod u għal xi wħud mit-trattamenti bil-mediċini l-aktar effettivi.

"Is-sħana estrema hija relatata direttament ma' bosta mardiet, inklużi mard kardjovaskulari u respiratorju u l-ażżma," tgħid Felicitas Riedl, il-kap tax-xjenzi tal-ħajja tal-BEI. "Iż-żieda fit-temperatura hija konsegwenza tat-tibdil fil-klima u l-impatt fuq is-saħħa tas-soċjetajiet se jiżdied. B'mod konkret, it-tibdil fil-klima jaffettwa l-fatturi determinanti soċjali u ambjentali tas-saħħa – arja nadifa, ilma tajjeb għax-xorb, ikel sufficjenti u kenn sigur. Il-proġetti tagħna jippruvaw jindirizzaw l-impatt tat-tibdil fil-klima."

Hemm bosta proġetti promettenti minn kumpaniji tal-bijoteknoloġija u farmaċewtiċi li qed jagħmlu riċerka dwar tilqimiet u approċċi bijoloġiċi oħrajn għall-prevenzjoni tal-malarja. Dawn il-proġetti fi stadju bikri spiss ikun diffiċli għalihom biex isibu finanzjament. Iżda rċevew appoġġ mill-Fond tal-UE għall-Malarja, strument ta' investiment ta' €240 miljun li jinvolvi l-Unjoni Ewropea, organizzazzjonijiet internazzjonali, korporazzjonijiet u s-soċjetà ċivili. Il-fond inħoloq fl-2014 mill-KENUP Foundation, organizzazzjoni globali li tippromwovi l-innovazzjoni fl-Ewropa.

Fl-2019 il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma biex jinvesti €111-il miljun fil-Fond tal-UE għall-Malarja. "Nixtiequ nagħlqu distakk fis-suq u naċċelleraw soluzzjonijiet ġodda li huma meħtieġa b'mod kritiku fil-ġlieda kontra l-malarja u nipproteġu s-saħħa pubblika globali," tgħid Anna Lynch, esperta tal-kura tas-saħħa mal-BEI.

Il-Bank qed jappoġġja wkoll lil Gavi, alleanza tat-tilqim li taħdem biex iżżid it-tilqim kontra 17-il marda infettiva f'pajjiżi fqar. Kull sena, miljuni ta' tfal ma jingħatawx tilqimiet ta' rutina, u għalhekk dawn ikunu vulnerabbli għall-mard. Gavi laqqmet aktar minn 760 miljun tifel u tifla sa minn meta nħolqot 20 sena ilu. L-għan tagħha huwa li tnaqqas l-impatt fuq is-saħħa mit-tibdil fil-klima billi żżid ir-reżiljenza tal-komunitajiet li huma l-aktar f'riskju. Tixtieq tlaqqam 300 miljun aktar tfal fil-pajjiżi l-aktar foqra tad-dinja mill-2021 sal-2025, biex issalva aktar minn seba' miljun ħajja.

Il-programmi tat-tilqim fil-pajjiżi fqar jaffaċċjaw bosta sfidi, bħall-identifikazzjoni ta' persuni li ma ġewx imlaqqma, iż-żamma tal-vaċċini fit-temperatura korretta matul it-trasport, u l-iżgurar li l-ħaddiema

tal-kura tas-saħħa li jagħtu l-vaċċini jkunu mħarrġin kif xieraq. Il-pajjiżi kollha appoġġjati minn Gavi jħallsu parti mill-vaċċini, abbażi tad-dħul tagħhom għal kull ras. Il- Bank Ewropew tal-Investiment qed jgħin il-programm tat-tilqim ta' Gavi b'faċilità ta' garanzija ta' $200 miljun.

Kif inżommu l-isptarijiet funzjonali

It-tibdil fil-klima x'għandu x'jaqsam mal-isptarijiet? Aktar milli taħsbu. Minn naħa waħda, l-isptarijiet jikkuraw il-pazjenti b'mard ikkawżat mit-tibdil fil-klima. Min-naħa l-oħra, jikkontribwixxu għat-tibdil fil-klima.

Il-kriżi tal-klima taffettwa s-saħħa pubblika, kif ukoll il-mod kif nipprovdu l-kura. L-isptarijiet jeħtieġu li jirrispondu għal tħarbit fis-servizz u evakwazzjonijiet temporanji kkawżati minn mewġiet tas-sħana, nirien bla kontroll, nixfiet u għargħar. Mad-dinja kollha, it-tobba u l-infermiera jridu jantiċipaw u jikkuraw mard ġdid.

> **"Kull żewġ minuti jmut tifel mill-malarja. Huwa imperattiv li ma nfixklux l-istatus quo."**
>
> **Anna Lynch,**
> **esperta tal-kura tas-saħħa mal-BEI.**

Il-biċċa l-kbira tal-faċilitajiet tal-kura tas-saħħa mhumiex adatti tajjeb għall-klima. Dawn jipproduċu kwantitajiet kbar ta' skart mediku u jużaw ħafna enerġija għall-ventilazzjoni, it-tisħin, it-tkessiħ, it-tidwil u l-makkinarju. Xi sptarijiet qed jieħdu passi biex inaqqsu l-impronta klimatika tagħhom.

Iċ-ċentru kliniku f'Rijeka, sptar ewlieni fil-Kroazja, huwa mqassam f'60 bini qadim fi tliet postijiet mal-belt kollha, u dan jikkawża vjaġġi bl-ambulanza mhux meħtieġa li jgħaddu minn konġestjoni qawwija. L-isptar jaqdi 600 000 resident madwar Rijeka u mijiet ta' eluf ta' persuni fuq btala.

Fl-2019 l-isptar beda jibni bini modern ġdid li se jiġbor flimkien l-attivitajiet kollha tiegħu f'post wieħed. Il-proġett se jaġġorna u jibni faċilitajiet tas-servizzi aġġornati, inkluż blokk tal-enerġija termali, kċina u żoni tal-parkeġġ. Il-bini l-ġdid huwa mistenni li jnaqqas l-użu tal-elettriku b'40% u l-gass b'50% u se jiffranka 30% mill-ilma. Trabi tat-twelid mhux se jiġu ttrasferiti aktar bejn is-servizzi tal-isptar li huma disa' kilometri mbegħdin minn xulxin. Minflok, se jitmexxew b'kumdità minn kamra għal oħra. L-isptar irċieva self tal-BEI ta' €50 miljun u konsulenza miċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti fl-2019.

Approċċ olistiku għall-Investiment

Sabiex intejbu saħħitna, normalment naħsbu dwar dieti bilanċjati, mediċini ġodda u drogi. Il-kwalità tad-dinja ta' madwarna ma tiġix f'moħħna immedjatament. Eiffel Essential, fond tal-investiment fi Franza, qed jgħin lin-negozji fl-enerġija rinnovabbli, l-agrikoltura sostenibbli – u l-kura tas-saħħa.

B'ċiklu ta' ħajja sa 15-il sena, il-fond se jipprovdi kapital ta' tkabbir fuq żmien fit-tul lil ditti innovattivi. Fabrice Dumonteil, id-direttur maniġerjali tal-Grupp ta' Eiffel Investment, jgħid li l-kumpaniji innovattivi li qed jaħdmu fuq proġetti ambizzjużi ta' investiment industrijali jeħtieġu ż-żmien biex jikbru u jiżviluppaw. Il-fond għandu l-pjan li jappoġġja 20 ditta. L-ewwel investimenti potenzjali jinkludu **kumpanija agroalimentari li tispeċjalizza fi trattamenti għal mard speċifiku.**

Eiffel Essential qed tiġbor minn €200 miljun sa €250 miljun f'ċiklu inizjali ta' investiment, iżda d-daqs fil-mira tal-fond huwa ta' €400 miljun. Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jikkontribwixxi €80 miljun taħt il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

APTIT GĦALL-AZZJONI DWAR IL-KLIMA

Ir-ristoranti u l-azjendi agrikoli jsibu li l-intelliġenza artifiċjali u l-fondi tal-investiment jistgħu jgħinuhom jagħmlu d-dinja aktar sostenibbli

Hemm bosta modi kif nistgħu nibdlu l-mod kif inkabbru jew inħejju l-ikel biex ngħinu l-klima. Kultant dawn il-bidliet jeħtieġu teknoloġija tal-intelliġenza artifiċjali b'teknoloġija għolja fil-kċejjen ta' ristoranti eleganti. Drabi oħra dawn sempliċement jinvolvu mod ġdid biex jiġu organizzati rziezet tal-kafè żgħar fil-foresti tal-Amazonja.

Eżempju tajjeb tar-rotta teknoloġika fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima huwa apparat imsejjaħ **Winnow Vision**, li juża l-viżjoni tal-magna u l-intelliġenza artifiċjali biex jidentifika ikel li qed jintrema u mbagħad jiġġenera rapport li r-ristoranti jistgħu jużaw biex inaqqsu l-iskart.

Is-sistema Winnow tieħu ritratti tal-ikel waqt li r-ristoranti jkunu qed jarmuh. Permezz ta' dawn ir-ritratti, il-magna tħarreġ lilha nnifisha biex tagħraf dak li qed jintrema b'mod aktar preċiż mill-bnedmin.

"Il-kċejjen kummerċjali qed jarmu 20% sa 25% tal-volum tagħhom," jgħid Kevin Duffy, kofundatur ta' Winnow. "Permezz tal-intelliġenza artifiċjali ta' Winnow , tant huwa faċli u preċiż li jiġi ntraċċat l-iskart tal-ikel li dan għandu jsir in-norma f'kull kċina kummerċjali."

Il-kċejjen mhumiex l-uniċi postijiet fejn l-ikel jinħela. Huwa stmat li **terz tal-ikel tad-dinja jinħela**. Skont in-Nazzjonijiet Uniti, ir-riżorsi użati għall-produzzjoni ta' dan l-ikel moħli huwa ugwali għal 3.3 biljun tunnellata ta' emissjonijiet tad-dijossidu tal-karbonju.

L-ewwel prodott ta' Winnow għall-ikel mormi kienet għodda manwali msejħa Waste Monitor. Ir-rapporti ta' kuljum minn din l-għodda jistgħu jgħinu lill-kċejjen jagħmlu deċiżjonijiet aktar intelliġenti, u b'hekk jiffrankaw nofs l-ikel li inkella jista' jinħela. Il-kumpanija, li għandha l-uffiċċji tar-riċerka f'Cluj, ir-Rumanija, tgħid li l-prodott tat-tieni ġenerazzjoni tagħha, Winnow Vision, tintegra l-viżjoni tal-magna u l-intelliġenza artifiċjali biex jiffrankaw ħafna aktar skart. Maż-żmien, Winnow Vision issir aktar intelliġenti u eventwalment tilħaq awtomazzjoni kompleta, u tagħti lill-kċejjen eżattezza preċiża mingħajr ebda input mill-persunal tal-kċina.

"Din hija teknoloġija fejn il-magna titgħallem," tgħid Maria Lundqvist, ekonomista mal-Bank Ewropew tal-Investiment. "Aktar ma tużaha, aktar ma ssir effettiva."

Biex iżżid il-persunal tagħha u tiżviluppa aktar it-teknoloġija tagħha, Winnow is-sena li għaddiet iffirmat self ta' €7.5 miljun mal-Bank Ewropew tal-Investiment.

L-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI FIL-KĊINA

> **Din hija teknoloġija fejn il-magna titgħallem. Aktar ma tużaha, aktar ma ssir effettiva.**

Maria Lundqvist, ekonomista tal-BEI

L-investiment fil-protezzjoni tal-art

L-ikel jista' jkollu impatt kbir fuq il-klima. L-istess bil-mod kif nittrattaw l-art fejn jiġi prodott.

Żoni kbar ħafna tal-foresta tal-Amazonja ġew meqruda u żgumbrati għall-użu għall-biedja. Il-Perù issa qed jipprova jreġġa' lura din it-tendenza permezz tal-edukazzjoni u l-investiment. L-għan huwa li jiġu rrestawrati 3.2 miljun ettaru ta' art degradata fil-pajjiż.

Madwar **30% tal-art hija degradata mad-dinja kollha**, skont in-Nazzjonijiet Uniti, u madwar 12-il miljun ettaru ta' art produttiva – żona madwar id-daqs tal-Greċja – hija degradata kull sena. Dan qed jiġri minħabba li l-bnedmin qed jisfruttaw l-art u mhux qed jinvestu biżżejjed biex iħarsuha.

Eżempju wieħed tal-bidliet pożittivi fil-Perù huwa f'Uctubamba, provinċja tat-Tramuntana fejn mijiet ta' bdiewa tal-kafè ngħaqdu flimkien biex jiksbu self u konsulenza speċjalizzata li se tgħinhom jirrestawraw l-art degradata u jagħmluha aktar għammiela. Kooperattiva fiż-żona sabet modi ġodda biex tiżra' siġar sabiex jitfgħu d-dell fuq il-pjanti tal-kafè, u għaldaqstant jirregolaw it-temperatura tal-pjantaġġjuni u jżidu r-rendimenti, filwaqt li jgħinu biex imantnu l-art.

Il-bdiewa qed jirċievu għajnuna minn **Ecotierra**, kumpanija Kanadiża li tfassal proġetti tal-agroforestrija madwar id-dinja. Il-Bank Ewropew tal-Investiment għen lil Ecotierra billi investa fil-**Fond tan-Newtralità tad-Degradazzoni tal-Art**, vettura ta' investiment maħluqa min-Nazzjonijiet Uniti u mmexxija mill-maniġer tal-investiment Franċiż Mirova biex issalva art meqruda madwar id-dinja.

Fl-2019 il-Bank Ewropew tal-Investiment qabel li jinvesti sa $45 miljun fil-Fond tan-Newtralità tad-Degradazzjoni tal-Art, filwaqt li l-gvern tal-Lussemburgu wiegħed €5 miljun. Il-fond ġabar nofs l-għan tiegħu ta' €300 miljun.

Martin Berg, kap tal-politika ambjentali u tal-finanzjament għall-klima mal-Bank Ewropew tal-Investiment, jgħid li l-investimenti mill-BEI u l-Lussemburgu kellhom rwol ewlieni biex il-fond ikun suċċess u biex jattira investituri privati. "Dan il-fond sar aktar attraenti għal investituri avversi għar-riskju," huwa jgħid.

BATTERJI TAJBIN U MOZZARELLA LI TIĠĠEBBED

Is-settur tal-biedja jaffaċċja domanda kbira għal żieda fil-produzzjoni. Kif jistgħu jagħmlu dan – u jħarsu l-ambjent?

Mingħajr il-protezzjoni tal-għelejjel, inklużi l-pestiċidi, aktar minn nofs l-għelejjel tad-dinja jkunu mitlufa minħabba l-insetti, il-mard u l-ħaxix ħażin. Id-direttiva tal-UE dwar l-użu sostenibbli tal-pestiċidi tippromwovi l-ġestjoni integrata tal-pesti u tiffavorixxi metodi alternattivi ta' kontroll tal-pesti biex jiġu minimizzati l-pestiċidi u l-fertilizzanti sintetiċi meħtieġa biex tinżamm il-produttività agrikola.

Għaldaqstant il-bdiewa qegħdin dejjem ifittxu alternattivi effiċjenti għal pestiċidi regolari. **CHR Hansen** żviluppat kontroll tal-bijopesti u soluzzjonijiet bijostimulanti li jippromwovu l-mekkaniżmi tad-difiża naturali tal-pjanti, li jsaħħu s-sistema tal-għeruq u b'dan l-għelejjel jirreżistu l-istress ipprovokat minn fatturi esterni, bħan-nixfiet u l-pesti. It-trattament bil-prodotti żviluppati mill-kumpanija Daniża jistgħu jżidu r-rendimenti tal-għelejjel sa 10%. "Nużaw il-batterji tajbin minflok is-sustanzi kimiċi," tgħid Camilla Lercke, kap ta' Hansen tar-relazzjonijiet mal-midja. "Ir-riżultat huwa li tnaqqas l-impronta kimika tal-ekosistema agrikola fil-ħamrija u fl-ilma ta' taħt l-art."

F'dawn l-aħħar ħames snin ġew żviluppati soluzzjonijiet bijoprotettivi għall-għelejjel. Għandhom il-potenzjal li jaqilbu l-agrikoltura b'mod radikali billi jnaqqsu l-ħtieġa għal sustanzi kimiċi. Jistgħu wkoll inaqqsu l-iskart tal-ikel, li min-naħa tiegħu jiffranka l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett serra maħluqa mill-produzzjoni agrikola. Pereżempju, CHR Hansen introduċiet "batterji tajbin" fil-kulturi li jżommu l-prodotti tal-ħalib friski għal aktar żmien, li jistgħu jnaqqsu l-iskart tal-jogurt bi 30%. B'70% tal-insalata kollha li qed tiġi mormija, il-batterji tal-kumpanija jestendu l-ħajja tal-prodott fuq l-ixkaffa b'ħamest ijiem.

CHR Hansen żviluppat bijosoluzzjonijiet għall-kannamieli, il-qamħ u l-fażola tas-sojja, kif ukoll għall-industriji tal-inbid u tal-birra. Il-kumpanija tipproduċi wkoll supplimenti tal-għalf li jużaw batterji tajbin, jew probijotiċi, biex jippromwovu s-saħħa tal-annimali. "Bħall-jogurt, dawn jgħinu biex jippromwovu kanal tal-imsaren san," tgħid Lercke. "Il-probijotiċi mogħtija lill-annimali jiżguraw funzjonament aktar naturali, li jnaqqas il-ħtieġa tal-antibijotiċi."

L-innovazzjoni għal domanda kbira

L-agrikoltura tinsab taħt pressjoni enormi biex tipproduċi aktar ikel – u ikel aktar san – filwaqt li tnaqqas ukoll l-impatt tagħha fuq l-ambjent. Il-popolazzjoni tad-dinja hija mistennija li tilħaq 9.8 biljuni sal-2050, u l-produzzjoni tal-ikel se teħtieġ togħla b'mill-inqas 30% biex jiġu sodisfatti ħtiġijiet futuri. Irid jinkiseb bilanċ delikat bejn il-preservazzjoni tal-aħħar riżorsi naturali tad-dinja u l-produzzjoni ta' biżżejjed ikel ta' kwalità li jkun disponibbli u affordabbli.

L-agrikoltura qed **tkun innovattiva biex tissodisfa dawk id-domandi.** L-avvanzi fit-tnissil ta' pjanti, il-fertilizzanti sintetiku u l-pestiċidi pprovdew qafas għal produzzjoni tal-ikel stabbli u affidabbli.

> **"Il-bdiewa qegħdin isiru dejjem aktar diġitalizzati."**
>
> **Antoine Pajot,** inġinier tal-BEI għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali

Is-settur tal-agrikoltura issa qed jipprova jibdel dawn l-għodod kollha, jew parti minnhom, permezz ta' sinerġiji ma' sistemi naturali eżistenti, kontroll ta' pesti b'bażi bijoloġika u promoturi tas-saħħa tal-pjanti.

Ir-riċerkaturi agrikoli qed joħolqu wkoll pjattaformi diġitali li joffru lill-bdiewa l-aħjar prezzijiet għall-għalf, il-fertilizzanti u t-tagħmir, ibiddlu l-emissjonijiet tal-azjenda agrikola f'bijogass nadif jew jipproduċu l-mozzarella mill-baqar li jirgħu fuq il-ħaxix. Il-BEI iffirma self ta' €120 miljun fl-2019 biex jappoġġja r-riċerka u l-iżvilupp ta' CHR Hansen. Fost din l-innovazzjoni kollha, il-kumpaniji qed jistinkaw ukoll biex jagħmlu argument tal-vijabbiltà għal dawn l-impriżi ġodda.

Il-kooperattiva diġitali

Storikament, fi Franza u fil-biċċa l-kbira tal-Ewropa tal-Punent, il-bdiewa biegħu dak li pproduċew lill-kooperattiva lokali tagħhom, li min-naħa tagħha mbagħad biegħetilhom il-materjali agrikoli kollha tagħhom, bħall-fertilizzanti, iż-żrieragħ u l-pestiċidi. Ir-rappreżentanti tal-bejgħ kienu jieħdu l-ordnijiet tal-bdiewa, u l-prodotti kienu jitwasslu lill-eqreb silo tal-qamħ, li ta' spiss kien mgħammar b'imħażen tad-distribuzzjoni. Dawn il-punti tal-ġbir kienu ċ-ċentru tal-komunità tal-bdiewa lokali.

Matul is-snin il-kooperattivi ngħaqdu u kibru. Eventwalment dawn tilfu l-ħeffa, l-effiċjenza u s-sensittività tagħhom għall-ħtiġijiet tal-bdiewa. Ġenerazzjoni ġdida ta' bdiewa, li huma aktar midħla tad-dinja diġitali u huma inqas leali għall-ispirtu tal-kooperattiva, qed ifittxu alternattivi – u dik l-alternattiva ta' spiss hija suq diġitali.

"Il-bdiewa qegħdin isiru dejjem aktar diġitalizzati," jgħid Antoine Pajot, inġinier tal-BEI għall-agrikoltura u l-iżvilupp rurali. "Illum, għandhom smartphone, u jridu aċċess għall-prezzijiet immedjati. Iridu jixtru bl-aħjar prezz fl-aħjar żmien."

Waħda mill-akbar kooperattivi Franċiżi, **Invivo Group**, qed tirrispondi għall-ħtiġijiet tal-bdiewa bil-pjattaforma diġitali tagħha stess, li se tippermettihom jixtru l-prodotti u l-materjali online u effettivament iqabblu l-prezzijiet. Din il-pjattaforma se tkun aċċessibbli għall-biċċa l-kbira tal-membri tal-kooperattiva Invivo. Hija mossa biex jiġi protett is-sehem tas-suq tal-kooperattiva kontra kumpaniji teknoloġiċi kbar bħal Alibaba u Amazon, li gradwalment qed jidħlu fis-suq tal-provvista tal-agrikoltura f'partijiet oħra tad-dinja, u pjattaformi diġitali fil-fażi tal-bidu bħal Agrileader jew Agriconomie, li diġà qed jisfidaw id-dominanza tal-kooperattivi.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jipprovdi €37.5 miljun biex jiffinanzja l-proġett ta' Invivo ta' €75 miljun biex tinħoloq il-pjattaforma diġitali, **Aladin.farm** u software tal-ġestjoni tal-azjendi agrikoli. Dan is-self kien possibbli permezz ta' garanzija mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi.

> **Huwa tħassib kostanti għal kull bidwi biex imantnu jew iżidu aktar id-dħul tagħhom permezz tad-diversifikazzjoni.**

Sebastien Collot, speċjalista tal-bijoekonomija mal-BEI

Il-vantaġġ ta' Aladin huwa li diġà għandha netwerk tad-distribuzzjoni, b'imħażen f'raġġ ta' 10 kilometri mill-azjendi agrikoli kollha fil-kooperattiva. Bis-saħħa tar-relazzjonijiet sodi tagħha mal-bdiewa kif ukoll il-konsulenza li toffri, Aladin tista' tipprovdi offerti mfassla apposta għall-membri tal-kooperattiva. L-istrateġija ta' Invivo, jgħid Pajot, hija li "timxi mal-bdiewa fid-diġitalizzazzjoni, filwaqt li tmantni s-sehem tas-suq tagħhom u tipproponi servizzi diġitali ġodda, bħal bloggs jew konsulenza."

Is-sussidjarja diġitali ta' Invivo, SMAG, toffri software bbażat fil-cloud imsejjaħ Agreo u Atland. Dawn jgħinu lill-bdiewa jsegwu d-*data* dwar it-tkabbir tal-għelejjel, it-tnissil tal-bhejjem u l-produzzjoni tal-inbid biex jissodisfaw standards regolatorji u ambjentali. Il-proġett SMAG se jtejjeb il-mobbiltà tal-IT tas-software u jagħmel provvediment għall-estrazzjoni u l-isfruttament tad-data biex jgħin lill-bdiewa jagħmlu deċiżjonijiet aktar infurmati.

Il-proġetti ta' Invivo jagħmlu parti mit-Tielet Rivoluzzjoni Ekoloġika, l-użu ta' teknoloġiji mill-aktar avvanzati bħal intelliġenza artifiċjali, ir-robotika, il-blockchain u kompjuterizzazzjoni ta' prestazzjoni għolja biex jittrasformaw l-agrikoltura u jtejbu radikalment l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tagħha. Ir-rivoluzzjoni hija partikolarment importanti għas-settur agrikolu Ewropew, wieħed mill-produtturi tal-ikel ewlenin fid-dinja u impjegatur ewlieni.

It-tnaqqis tal-emissjonijiet, it-tkabbir tad-dħul

Il-bdiewa Ewropej jinsabu magħsurin minn kompetizzjoni internazzjonali qawwija fuq il-komoditajiet. Jeħtieġu jadattaw għat-tibdil fil-klima u, fl-Ewropa, ibaxxu s-sussidji diretti. Sabiex ipattu, qegħdin iżidu d-dħul tagħhom bi prodotti ġodda b'marġni ogħla jew negozji sekondarji li mhumiex relatati għal kollox mal-produzzjoni tal-ikel.

"Huwa tħassib kostanti għal kull bidwi, biex imantnu u/jew iżidu aktar id-dħul tagħhom permezz tad-diversifikazzjoni," jgħid Sebastien Collot, speċjalista tal-bijoekonomija mal-BEI. "Hemm ħtieġa li l-mudell kurrenti bbażat fuq il-produzzjoni tal-komoditajiet jinbidel għal wieħed aktar sostenibbli."

Il-bijogass huwa sors wieħed alternattiv ta' dħul. L-impjanti tal-bijogass jieħdu skart organiku, bħal demel, prodotti sekondarji tal-pjanti u l-ikel u anke drenaġġ, u jikkonvertuh f'bijofertilizzant u gass bijometan għal enerġija nadifa. Il-bijometanu jista' jiġi injettat fil-grilja elettrika jew jintuża fl-azjenda agrikola biex iħaddem jew isaħħan is-serer għall-ħxejjex u l-frott. L-impjanti tal-bijogass jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni u l-affidabbiltà tal-enerġija, jappoġġjaw id-dħul agrikolu, jippromwovu l-iżvilupp reġjonali u rurali u jrawmu l-ħolqien tal-impjiegi. Jgħinu wkoll biex l-azjendi agrikoli jikkumpensaw l-emissjonijiet tagħhom stess. Fl-Ewropa, l-agrikoltura tirrappreżenta 9.58% tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra relatata mal-attività tal-bniedem.

Iżda l-impjanti tal-bijogass huma għaljin. L-investiment meħtieġ jista' jkun bejn €2 miljun u €10 miljun, u l-biċċa l-kbira tal-impjanti huma l-propjetà ta' kumpaniji b'ishma konġunti li jinvolvu bosta azjendi agrikoli. L-iskala u t-tip ta' investiment huwa ta' riskju partikolari għall-bdiewa. **"Qed nitkellmu dwar investiment li joqrob għall-valur tal-azjenda agrikola tagħhom, jew aktar minnu," jgħid Collot.** L-impjanti tal-bijogass jeħtieġu wkoll sorveljanza kontinwa u għandhom riskju operazzjonali integrat. "Il-proġetti tal-bijogass jeħtieġu monitoraġġ mill-qrib billejl u binhar tal-proċess bijoloġiku u kimiku."

Sabiex jgħin lill-bdiewa jimbarkaw bil-bijogass jew inizjattivi tal-klima oħrajn, bħall-installazzjoni ta' pannelli solari, il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jinvesti f'żewġ faċilitajiet tal-kreditu pprovduti minn Credit Agricole ta' Franza: programm ta' €75 miljun immirat lejn bdiewa taħt l-età ta' 41 sena, u programm ieħor ta' €200 miljun biex jappoġġjaw proġetti għall-klima u l-bijoekonomija.

Mozzarella li tiġġebbed

Il-ħajja bukolika tal-baqra Irlandiża qatt ma kellha firxa tant globali.

Il-kooperattiva tal-ħalib Irlandiża **Carbery**, li għandha aktar minn 1 200 membru, hija l-akbar manifattur tal-ġobon cheddar naturali fl-Irlanda. B'aktar minn 60% tal-ġobon tal-kumpanija esportat lejn ir-Renju Unit, Carbery kellha tikkunsidra mill-ġdid l-espożizzjoni tagħha minħabba l-Brexit. Il-kumpanija ddeċidiet li twessa' l-portafoll tal-ġobon tagħha b'linja ġdida li tipproduċi mozzarella fis-servizz tal-ikel użata għall-pizez, bis-suq Asjan fil-mira. Fl-2019 ġie ffirmat self ta' €35 miljun mill-BEI b'appoġġ għal din id-deċiżjoni.

"Il-mozzarella hija wieħed mis-swieq tal-ġobon li qed jikber malajr ħafna fid-dinja," jgħid Ray O'Connell, il-kontrollur tal-grupp u t-teżorier ta' Carbery. "Għamilna evalwazzjoni twila tal-opzjonijiet varji u l-mozzarella kienet għażla tajba ħafna."

Iċ-Ċiniżi jħobbu li l-mozzarella tagħhom tiġġebbed – mill-inqas 50 ċentimetru. Jagħmlu kompetizzjonijiet fejn "iġebbduha u r-rebbieħa jaqsmu r-ritratti fuq il-midja soċjali," jgħid O'Connell. Il-ġobon mozzarella ta' Carbery qed jiġi żviluppat apposta għal dan il-fattur tat-tiġbid.

U għas-sostenibbiltà. "Il-bdiewa tagħna għandhom kuxjenza ambjentali b'saħħitha u huma ffukati ħafna fuq is-sostenibbiltà, minn perspettiva ekoloġija u finanzjarja," jgħid O'Connell. "Carbery qiegħda taħdem kontinwament mal-membri bdiewa tagħha biex tiżviluppa l-aħjar metodoloġiji tal-prassi biex jitnaqqsu aktar l-impronti tal-karbonju."

> **"Il-bdiewa tagħna għandhom kuxjenza ambjentali b'saħħitha."**
>
> **Ray O'Connell,** kontrollur tal-grupp u teżorier, Carbery

L-ILĦNA SOĊJALI

IL-FIL EKOLOĠIKU

Waqt li l-ekonomija ssir ekoloġika u nadifa, il-Bank Ewropew tal-Investiment jimmira biex jiżgura li ħadd ma jibqa' lura

F'reġjuni fejn iridu jagħmlu passi akbar minn oħrajn, aħna se nappoġġjaw in-nies u n-negozji b'Mekkaniżmu mmirat għal Tranżizzjoni Ġusta...Biex inkunu nistgħu niksbu dan, il-Bank Ewropew tal-Investiment se jkun imsieħeb fdat.

Ursula von der Leyen, President tal-Kummissjoni Ewropea

Il-klima hija s-sistema ta' appoġġ tal-ħajja tal-umanità. L-azzjoni tal-Bank dwar il-klima għall-oċeani, l-ilma u l-bijoekonomija, u għall-iżvilupp tal-abitati tagħna fil-bliet u r-reġjuni, hija mmirata biex tippreżerva dik is-sistema ta' appoġġ tal-ħajja – u biex il-kwalità tal-ħajjiet kollha tagħna titjieb. Dawn huma, wara kollox, il-fatturi bażiċi tal-ħajja. Sabiex il-bliet isiru aktar sostenibbli, nippjanaw li nappoġġjaw l-iżviluppi ta' binjiet ekoloġiċi u li nimplimentaw approċċi integrati għall-azzjoni dwar il-klima fl-Ewropa u madwar id-dinja. Meta nagħtu ħarsa lejn l-iżvilupp territorjali usa', se nagħtu attenzjoni partikolari lil dawk ir-reġjuni li s'issa kienu l-aktar dipendenti fuq il-karburanti fossili għall-impjiegi u l-attività ekonomika tagħhom. Fis-settur tal-ilma, nistenna fokus qawwi fuq l-adattament għat-tibdil fil-klima, speċjalment fil-kuntest tal-iskarsezza tal-ilma dejjem tikber kif ukoll il-protezzjoni tal-kosta. Fis-settur agrikolu, naraw ukoll potenzjal kbir biex nespandu l-appoġġ għal investimenti għas-sostenibbiltà ambjentali u l-azzjoni dwar il-klima. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għal-linji ta' kreditu pprovduti permezz tal-intermedjarji finanzjarji tagħna biex jiffinanzjaw negozji ta' daqs żgħir u medju, inklużi azjendi agrikoli.

Werner Schmidt, direttur, l-Ambjent u l-Iżvilupp Territorjali Sostenibbli, Proġetti, BEI

Il-fokus tagħna se jkun li ngħinu lill-pajjiżi fit-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju, filwaqt li niżguraw l-iżvilupp ekonomiku sostenibbli tar-reġjuni ta' koeżjoni. Bl-għajnuna ta' InvestEU u l-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, nistennew li l-finanzjament attraenti jsir disponibbli għar-reġjuni li huma l-aktar milquta mit-tranżizzjoni, biex jiġu megħjuna jkampaw mad-dimensjoni soċjali. Se nidentifikaw il-mexxejja għall-klima u nappoġġjawhom b'konsulenza u finanzjament.

Anita Fuerstenberg-Lucius, direttriċi, l-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk, Attivitajiet, BEI

Aħna kompetenti fit-tranżizzjonijiet, fl-għajnuna lil reġjuni biex jittrasformaw. Qed inżidu l-isforzi tagħna. Fejn nidħlu aħna bit-Tranżizzjoni Ġusta, il-pjanijiet tat-tranżizzjoni li qed jitfasslu mill-ibliet jew mir-reġjuni jissawru fi programmi ta' investiment. F'dan hemm rwol ċar għall-Bank Ewropew tal-Investiment, għaċ-Ċentru tal-Investimenti u għad-Direttorat tal-Proġetti tagħna biex noffru konsulenza lir-reġjuni dwar kif jistgħu – abbażi tal-pjan u l-istrateġija tat-tranżizzjoni tagħhom – jappoġġjaw dan bl-investimenti.

Leonard Reinard, kap tat-taqsima, Żvilupp Reġjonali, Proġetti, BEI

Nippjanaw appoġġ iddedikat għat-tranżizzjoni ekoloġika/tal-enerġija ta' bosta industriji permezz ta' għoti ta' self intermedjat. Il-banek kummerċjali qed iwaqqfu prodotti biex jappoġġjaw l-investimenti ta' kumpaniji li joperaw fis-setturi li huma affettwati bil-qawwa mit-tranżizzjoni ekoloġika/tal-enerġija, bħal dawk tal-karozzi, tal-azzar u tal-plastik. Naraw ukoll tendenza dejjem tikber lejn id-diġitalizzazzjoni – b'mod partikolari għall-agrikoltura – li għandha impatt dirett fuq il-mitigazzjoni għat-tibdil fil-klima. Qed infittxu opportunitajiet fl-enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza fl-enerġija, potenzjalment li jinkludu aktar teħid ta' riskju (li jittaffa b'mod xieraq).

Miguel Morgado, direttur, Il-Baħar Adrijatiku, Attivitajiet, BEI

It-tranżizzjoni lejn żvilupp reżiljenti għall-klima b'użu baxx tal-karbonju fil-Marokk – kif ukoll f'pajjiżi oħra tal-Mediterran – hija sfida istituzzjonali u finanzjarja kbira. Din teħtieġ li s-sistema regolatorja ġenerali ssir aktar adatta għall-klima, bil-mobilizzazzjoni ta' riżorsi finanzjarji u appoġġ sinifikanti biex jissaħħu l-kapaċitajiet tekniċi. B'mod allinjat mal-Kummissjoni Ewropea, il-BEI se jsaħħaħ id-djalogu fil-livell tekniku mal-gvern lokali u jwaqqaf pjan ta' azzjoni biex jiġu ttrasferiti l-aħjar prattiċi u l-għarfien espert dwar il-finanzjament ekoloġiku żviluppat fil-ftehimiet tagħna fl-Ewropa. Huwa importanti li l-investiment tagħna jiġi ingranat mal-appoġġ tal-politika pprovdut mill-UE sabiex tiġi żgurata koerenza sħiħa fl-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew barra mill-UE.

Anna Barone, kap tal-uffiċċju tal-Marokk, BEI

F'dawn l-aħħar ħames snin, aktar minn 180 investiment ewlieni ġew approvati għall-finanzjament bl-appoġġ ta' JASPERS, bi spiża ta' investiment totali ta' €58 biljun u għotjiet tal-UE ta' €31 biljun. Nofs minn dawn l-investimenti kkontribwew għall-azzjoni dwar il-klima, b'aktar minn 20% allokati direttament għaliha, Se nkomplu bil-ħidma tagħna, u nidħlu aktar fil-fond, biex ngħinu lil reġjuni tal-UE fl-ambizzjonijiet tagħhom għall-klima.
Se nipprovdu konsulenza li tippromwovi strateġiji, programmi u riżervi ta' proġetti integrati u mmexxija mill-ippjanar, pereżempju f'reġjuni tal-faħam u ta' Tranżizzjoni Ġusta. Nistennew li l-ħidma tagħna se tkun aktar ikkonsolidata fil-livell lokali biex tippromwovi proġetti koerenti u integrati għall-klima u t-tranżizzjoni. Sabiex jingħadda l-valur lin-nies u biex tiġi promossa UE aktar ekoloġika, is-settur bħall-edukazzjoni, ir-riċerka u l-innovazzjoni wkoll se jkollhom rwol ewlieni (inklużi soluzzjonijiet innovattivi bħall-ekonomija ċirkolari u l-innovazzjoni soċjali). Se nadattaw il-metodi tal-ħidma tagħna biex nappoġġjaw bl-aħjar mod il-miri tal-UE u tal-Bank għall-klima fil-livell lokali.

Eugenia Kazamaki Ottersten, kap tat-taqsima, Żvilupp Intelligenti ta' JASPERS, BEI

KENN GĦALL-KLIMA

Meta n-nies ma jkunux jistgħu jaffordjaw li jgħixu qrib ix-xogħol tagħhom, il-kwalità tal-ħajja tagħhom se tbati. U l-istess għall-klima. Hawn sensiela ta' proġetti li għandhom l-għan li jikkonfrontaw il-ħtieġa għal vjaġġi twal li jemettu ħafna karbonju u sustanzi niġġiesa mhux tajbin għas-saħħa.

Dar hija ħtieġa bażika, iżda bosta Ewropej ma jistgħux isibu post diċenti u affordabbli fejn jgħixu. Dik ovvjament hija problema soċjali. Tista' tkun ta' sorpriża għalik li dan ukoll jikkontribwixxi għat-tisħin globali.

In-nuqqas ta' djar tajbin effiċjenti fl-enerġija fl-Ewropa huwa ħażin b'mod speċjali f'ħafna miż-żoni urbani, fejn jgħixu 70% tal-popolazzjoni. Dan ixekkel il-kwalità tal-ħajja għal bosta nies, li jistgħu jaffordjaw biss akkomodazzjoni li hija 'l bogħod wisq mill-post tax-xogħol tagħhom. U dan jagħmel ħsara lill-klima, meta dawk in-nies jivvjaġġaw distanzi twal bil-karozza u jużaw aktar karburanti fossili. Imbagħad hemm l-angolu tal-konsum tal-enerġija fil-bliet. Id-djar u l-binjiet, speċjalment dawk qodma li jitilfu l-enerġija, huma fost dawk li jikkunsmaw l-aktar enerġija.

Passi kbar għall-akkomodazzjoni u l-enerġija

Meta n-nies ma jistgħux isibu akkomodazzjoni tajba, dan iżid id-distakk soċjali fil-komunitajiet Ewropej. Dan jikkawża problemi tas-saħħa pubblika, sikurezza pubblika ħażina, nuqqas ta' ħaddiema f'postijiet ċentrali u swieq tax-xogħol ineffiċjenti. Fl-Irlanda, pereżempju, eluf ta' nies ilhom żmien fuq il-listi ta' stennija biex jingħataw akkomodazzjoni aħjar. Fi Franza, huwa diffiċli għall-infermiera biex isibu akkomodazzjoni affordabbli f'Pariġi ċentrali.

L-isfida tal-akkomodazzjoni u l-enerġija hija immensa. Kważi nofs il-binjiet residenzjali Ewropej kollha nbnew qabel l-1970, meta l-materjali, l-istandards u t-tekniki ma kinux jikkunsidraw kemm kienet qed tiġi kkonsmata enerġija. Il-Kummissjoni Ewropea tistma li 75% tal-binjiet u l-akkomodazzjoni jeħtieġu li jsiru aktar effiċjenti fl-enerġija biex jissodisfaw l-għanijiet tal-klima tal-Ewropa.

"Li n-nies jiġu pprovduti dar hija l-aktar ħaġa importanti tal-proġetti tal-akkomodazzjoni soċjali tagħna, iżda jekk dan isir b'mod li huwa effiċjenti fl-enerġija, dan ikun ta' benefiċċju kbir," jgħid Gerry Muscat, li jmexxi l-iżvilupp urban fil-Bank. "Bosta proġetti tal-akkomodazzjoni li aħna involuti fihom jgħinu lin-nies u l-klima."

Anke ħaġa sempliċi bħal meta tibdel il-bozoz tagħmel differenza kbira. Kumpanija tat-tidwil Awstrijaka, **Zumtobel Group**, qed twettaq riċerka qawwija f'tidwil aktar effiċjenti u l-ġestjoni tad-dawl li tiżgura li s-sistemi tat-tidwil jintużaw biss meta meħtieġa. Fil-bidu tal-2019, il-Bank Ewropew tal-Investiment approva t-tieni parti ta' żewġ selfiet ta' €40 miljun biex titwessa' r-riċerka tal-kumpanija biex it-tidwil ikun aktar konness mas-servizzi diġitali.

Bliet li qed jikbru, nuqqas ta' kirjiet

Fl-Iżvezja u l-Polonja, it-tkabbir ta' bliet ta' daqs medju qed iżid b'mod drammatiku d-domanda għal akkomodazzjoni affordabbli. L-Iżvezja qed tindirizza l-problema billi qed tibni eluf ta' djar tal-kiri

> **Bosta proġetti tal-akkomodazzjoni li aħna involuti fihom jgħinu lin-nies u l-klima.**

Gerry Muscat, kap tal-Iżvilupp Urban, BEI

affordabbli. F'Settembru 2019, il-Bank Ewropew tal-Investiment approva self ta' kważi €300 miljun biex jappoġġja l-bidla Żvediża bi pjanijiet tal-enerġija ta' kważi żero li jadottaw l-ogħla standards tal-effiċjenza.

F'Poznan, belt fil-Polonja ċentrali, bosta residenti ma jikkwalifikawx għal akkomodazzjoni affordabbli appoġġjata mill-gvern minħabba li l-introjtu tagħhom huwa għoli wisq, iżda dawn lanqas ma jistgħu jixtru dar fis-suq regolari minħabba li għandhom klassifikazzjoni tal-kreditu baxxa. Il-belt u kumpanija tal-akkomodazzjoni lokali bdew proġett għal dawn ir-residenti li għandu wkoll day-care centre, kindergarten, playground għat-tfal u spazji tal-parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà. L-għan huwa li jinbnew aktar minn 1 000 flett f'dan il-viċinat il-ġdid. Il-Bank Ewropew tal-Investiment iffirma self ta' €34 miljun għal dan il-proġett.

"L-għan tagħna huwa li Poznan issir ċentru attraenti, fejn in-nies, ikun xi jkun id-dħul tagħhom, jistgħu jqisu bħala darhom, jivvjaġġaw faċilment u jgawdu livell ta' servizzi muniċipali li huwa modern u ekoloġiku," jgħid Grzegorz Ganowicz, chairman tal-kunsill tal-belt.

Fl-2019, il-Bank iffirma wkoll negozju ta' €19-il miljun fil-Polonja ma' **BNP Paribas Bank Polska** biex tittejjeb l-effiċjenza fl-enerġija fid-djar eżistenti. Il-bank Pollakk se juża l-flus biex jagħti self lill-bdiewa u lis-sidien tad-djar biex jinstallaw pannelli solari. Il-flus se jgħinu wkoll lill-assoċjazzjonijiet tad-djar itejbu l-effiċjenza fl-enerġija.

Fi Franza, professjonisti żgħażagħ b'mod speċjali qed isibuha diffiċli biex isibu djar affordabbli. Il-pajjiż qed isolvi din il-problema billi qed jibni djar għal persuni li ma jikkwalifikawx għall-appoġġ għall-akkomodazzjoni, iżda li lanqas m'għandhom biżżejjed flus biex jaffordjaw akkomodazzjoni diċenti. Il-Bank investa total ta' €1.3 biljun fi proġetti ta'akkomodazzjoni affordabbli fil-pajjiż biex jibni madwar 27 800 alloġġ.

Domanda kbira għal djar ġodda fl-Afrika

Bħal dak kollu li jagħmel il-Bank, il-ħidma għal akkomodazzjoni soċjali u affordabbli tiegħu mhix konfinata għall-Ewropa biss. Fl-Afrika u madwar id-dinja, il-proġetti tal-BEI jgħinu jibnu postijiet aħjar għall-għajxien – u jnaqqsu l-konsum tal-enerġija. Huwa importanti, wara kollox, minħabba li l-bliet tal-Afrika se jakkomodaw 765 miljun persuna addizzjonali sal-2055, u għaldaqstant inħolqot domanda kbira għal akkomodazzjoni affordabbli.

Il-Bank Ewropew tal-Investiment qed jikkontribwixxi kważi $20 miljun għal sensiela ta' proġetti ta' akkomodazzjoni affordabbli u ekoloġiċi fin-Namibja u l-Botswana. Din l-akkomodazzjoni hija mistennija li tiffranka 20% mill-użu tal-ilma u l-elettriku.

"L-għan aħħari tagħna huwa li noffru kwalità ta' ħajja tajba lil grupp ta' nies li ma ġewx moqdija sew," jgħid Cathal Conaty, direttur maniġerjali ta' **International Housing Solutions II**, fond appoġġjat mill-BEI li qed jiġbor flus għal proġetti tal-akkomodazzjoni fin-Namibja u l-Botswana.

KOEŻIVA U KREATTIVA

Ir-rwol tal-BEI fil-Mekkaniżmu tal-Kummissjoni Ewropea għal Tranżizzjoni Ġusta huwa mibni fuq storja twila ta' investiment għall-koeżjoni fir-reġjuni aktar foqra tal-Ewropa

Meta jkun diffiċli tkampa minn jum għal ieħor biex is-sistema tat-tisħin tad-distrett il-qadim tibqa' tiffunzjona, huwa diffiċli li tagħmel pjanijiet ukoll li jirrispettaw l-iżviluppi l-ġodda fil-politika tal-UE dwar l-enerġija. Għalhekk il-belt tal-punent Rumena ta' Oradea marret għand unità speċjali tal-Bank Ewropew tal-Investiment biex tgħinha bit-tranżizzjoni tagħha lejn enerġija aktar nadifa. "Huwa diffiċli tħares lejn is-sitwazzjoni b'mod aktar ġenerali," jgħid Ioan Maghiar, maniġer tal-ippjanar għall-Muniċipalità ta' Oradea. "Kellna nfittxu soluzzjoni kreattiva f'livell ogħla."

Fl-2019, l-Unità ta' Appoġġ ta' Konsulenza għal Proġetti tal-Bank ippreżentat studju ta' tmien xhur li Oradea diġà qed timplimenta – b'implikazzjonijiet pożittivi għall-ekonomija u l-azzjoni dwar il-klima tal-belt. B'sorsi ġodda tal-enerġija u miżuri għal effiċjenza rrakkomandati mill-Bank, is-sistema tat-tisħin tad-distrett ta' Oradea se **jnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju b'44% sal-2050.** Il-belt se tkun tista' wkoll ittemm is-sussidji lill-operatur privat tas-sistema tat-tisħin fi żmien 10 snin. "Dak huwa impatt importanti fuq il-baġit lokali," jgħid Emmanuel Morel, espert anzjan tal-ambjent mal-BEI ibbażat f'Bucharest.

Il-proġett jagħmel parti minn tradizzjoni twila tal-għoti ta' self tal-BEI li jiżgura li r-reġjuni aktar foqra tal-Ewropa jingħataw opportunità ġusta għall-prosperità. Mill-2014 sal-2019, il-bank tal-UE pprovda aktar minn €100 biljun ta' finanzjament f'reġjuni tal-koeżjoni.

Issa li l-UE għandha l-mira li tiddekarbonizza l-kontinent sal-2050, hemm element ġdid u urġenti fl-investiment ta' koeżjoni tal-Bank mal-Mekkaniżmu tal-Kummissjoni Ewropea għal Tranżizzjoni Ġusta, parti mill-Patt Ekoloġiku Ewropew. **Il-Bank Ewropew tal-Investiment se jkun element kruċjali tal-mekkaniżmu, li għandu l-mira li jiżgura li ekonomiji u industriji reġjonali li jiddependu fuq il-karburanti fossili ma jibqgħux lura fit-tranżizzjoni għal emissjonijiet aktar baxxi.** "Il-mekkaniżmu Tranżizzjoni Ġusta huwa espansjoni ta' qasam li fih il-BEI għandu ħafna għarfien espert," jgħid Leonard Reinard, kap tat-taqsima tal-iżvilupp reġjonali tal-Bank. "Għal kull belt jew reġjun, it-tranżizzjoni se tkun unika. Mhux l-istess għal kulħadd. Kull reġjun irid isib il-pjan ta' tranżizzjoni bbażata fuq il-post u mfassla apposta għalih, u l-Bank se jgħin biex dan jiddawwar fi pjanijiet u proġetti ta' investiment konkreti."

Il-ħidma tal-Unità ta' Appoġġ ta' Konsulenza għal Proġetti għenet lil Oradea u żewġ bliet Rumeni oħra jsibu futur aktar nadif u effiċjenti għas-sistemi tat-tisħin tad-distrett tagħhom. Oradea diġà qed tittestja enerġija ġeotermali mill-ilma li jinsab taħt l-art 2 kilometri 'l bogħod, li tipprovdi 7% tal-enerġija għas-sistema tat-tisħin tad-distrett tagħha. It-tisħin tad-distrett jipprovdi sħana u ilma sħun lil 70% tal-200 000 resident tal-belt. "Mingħajr il-BEI konna nieħdu ferm aktar żmien biex nifhmu dak li kien qed jiġri fil-livell Ewropew," jgħid Maghiar.

Is-servizz qed isir dejjem aktar affidabbli, li jagħti spinta għall-kapaċità ta' Oradea li tattira nies u negozji. "Belt li aċċettat din l-isfida sabet dak li kienet qed tfittex għall-ippjanar urban," jgħid Sebastian Hyzyk, li

> **Belt li aċċettat din l-isfida sabet dak li kienet qed tfittex għall-ippjanar urban.**
>
> **Sebastian Hyzyk,** kap tal-Unità ta' Appoġġ ta' Konsulenza għal Proġetti tal-BEI

jmexxi l-unità tal-BEI. "Qed jagħmlu l-ispazju tagħhom attraenti għaċ-ċittadini, u ċ-ċittadini huma l-oriġini tal-għarfien u t-tkabbir illum il-ġurnata." Fl-2020, l-unità se tibda proġetti simili għal erba' bliet Rumeni oħra bħala parti mill-programm tagħha ta' €70 miljun ta' konsulenza għal seba' snin.

Tajjeb għall-Ewropa

Fir-reġjun tal-estrazzjoni tal-minerali madwar Plovdiv, it-tieni l-akbar belt tal-Bulgarija, KCM ilha tirfina l-metalli, primarjament iż-żingu u ċ-ċomb. Il-proċess tal-manifattura tal-kumpanija qed jiġi aġġornat biex jipprovdi aktar effiċjenza fir-riżorsi, jipproteġi aħjar is-saħħa tal-1 500 ħaddiem tagħha u jkun konformi ma' regolamenti ambjentali futuri aktar stretti fl-industrija metallurġika.

Il-BEI appoġġja lil KCM b'self ta' €65 miljun fl-2019 biex jgħin bl-aġġornament tal-proċessi tagħha u jiżdied l-użu tagħha ta' "materjali sekondarji" – iż-żingu u ċ-ċomb minn materjali rriċiklati bħal batteriji, trab tal-fran u ossidi. Il-faċilitajiet ġodda tal-KCM se jirriżultaw fil-produzzjoni taż-żingu u ċ-ċomb aktar awtomizzata u adatta għall-ambjent, u jżidu l-kapaċità tar-riċiklaġġ. "Huwa tajjeb għall-Ewropa, billi dan il-proġett juri kif il-metallurġija għandha tkun fis-seklu 21," jgħid Ivan Dobrev, il-kap eżekuttiv ta' KCM. "Is-self jgħinna nżidu l-valur tat-teknoloġija tagħna billi ngħollu l-livell."

Is-self huwa appoġġjat mill-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, billi jappoġġja **kumpanija innovattiva li hija l-uniku fornitur taż-żingu u ċ-ċomb fl-Ewropa Ċentrali u tax-Xlokk.** "Dawn il-materjali huma vitali għal industriji oħrajn fir-reġjun, bħas-setturi tal-karozzi u l-kostruzzjoni," tgħid Venera Gandzhova, l-uffiċjal għas-self tal-proġett. Se joffri wkoll għadd ta' benefiċċji ambjentali. "Il-proġett isegwi t-tendenza tas-settur li jersaq lejn aktar materjali rriċiklati, li huma pproċessati minn teknoloġija li hija effiċjenti ħafna fl-enerġija u r-riżorsi," tgħid Liesbet Goovaerts, inġinier tal-BEI. "Dan jallinjah mal-Ftehim ta' Pariġi."

Tranżizzjoni Ġusta għall-ambjent u n-nies

It-Tranżizzjoni Ġusta ma tfissirx biss in-negozju. Għandha aspett soċjali importanti. Dak l-aspett huwa muri mill-proġett tal-BEI iffirmat fl-2019 biex jiffinanzja miżuri għar-rijabilitazzjoni u l-effiċjenza fl-enerġija għal 9 600 unità ta' akkomodazzjoni soċjali f'dak li qabel kien reġjun tal-estrazzjoni ta' Nord-Pas-de-Calais fi Franza tat-Tramuntana. Is-self ta' €153 miljun jikkontribwixxi għall-azzjoni dwar il-klima billi jnaqqas l-użu tal-enerġija ta' 22 457 benefiċjarju. Kull sena jiġu ffrankati wkoll €1 200 għal kull unità domestika mill-kontijiet tal-enerġija.

Is-self jagħmel parti minn proġett ta' €765.2 miljun minn Maison & Cités, kumpanija tal-akkomodazzjoni pubblika lokali. "Mhuwiex biss dwar il-fatt li dar tkun aħjar biex tgħix fiha jew li hija tajba għall-ambjent," jgħid Souad Farsi, inġinier tal-BEI. **"Din hija għall-ambjent u anke għan-nies."** U dan huwa l-kunċett ta' Tranżizzjoni Ġusta fi ftit kliem.

MINN FEJN JIĠU L-FLUS

Il-Bank Ewropew tal-Investiment, l- akbar mutwanti u mutwatarju multilaterali fid-dinja, ġabar €50.3 biljun fis-swieq kapitali internazzjonali fl-2019. Il-ħruġ tal-Bank jilħaq investituri li tipikament forsi ma jinvestux fl-Ewropa, iżda li jikkontribwixxu indirettament fi proġetti Ewropej billi jinvestu f'bonds tal-BEI.

Il-Bank ħareġ bonds fi 17-il munita, bil-maġġoranza miġbura fil-muniti essenzjali tal-euro, id-dollaru Amerikan u l-lira sterlina. Sorsi u perjodi ta' maturità diversifikati joffru flessibbiltà għall-istrateġija ta' finanzjament tal-Bank. Bl-approċċ b'diversi muniti, il-Bank ikun jista' wkoll jaċċessa xi muniti lokali għal infiq.



ĦRUĠ SKONT IL-MUNITA

Fl-2019, il-BEI ġabar

€50.3 biljun

fuq is-swieq kapitali internazzjonali.



GOVERNANZA

Il-BEI huwa korp tal-UE, responsabbli għall-Istati Membri, u bank li jsegwi l-aħjar prattika bankarja applikabbli fit-teħid tad-deċiżjonijiet, il-ġestjoni u l-kontrolli. Matul l-2019, **il-Bord tal-Gvernaturi** kien magħmul minn ministri tal-gvern minn kull wieħed minn dak li kienu t-28 Stat Membru, normalment il-Ministri tal-Finanzi. Bil-ħruġ tar-Renju Unit mill-UE fl-1 ta' Frar 2020, dak in-numru niżel għal 27. Il-Gvernaturi jistabbilixxu l-linji gwida tal-politika ta' kreditu tal-Bank u japprovaw il-kontijiet annwali. Jiddeċiedu fuq iż-żidiet fil-kapital u l-parteċipazzjoni tal-Bank fl-operazzjonijiet ta' finanzjament barra mill-UE. Jappuntaw ukoll il-membri tal-Bord tad-Diretturi, il-Kumitat ta' Tmexxija u l-Kumitat ta' Verifika.

Il-Bord tad-Diretturi jieħu d-deċiżjonijiet dwar self, programmi ta' self u kwistjonijiet oħra ta' finanzjament. Jiltaqa' għaxar darbiet fis-sena biex jiżgura li l-Bank huwa mmaniġġjat kif suppost skont it-Trattati tal-UE, l-Istatut tal-Bank stess, u d-direttivi ġenerali stabbiliti mill-Bord tal-Gvernaturi. Fl-1 ta' Frar 2020, issa hemm 28 direttur, wieħed maħtur minn kull Stat Membru u wieħed mill-Kummissjoni Ewropea. Hemm ukoll 31 direttur supplent. Sabiex titwessa' l-kompetenza esperta professjonali tal-Bord tad-Diretturi, sitt esperti jistgħu jiġu maħtura biex jipparteċipaw fil-laqgħat tal-Bord bħala konsulenti mhux votanti. Id-deċiżjonijiet jittieħdu b'maġġoranza li tirrappreżenta tal-anqas 50% tal-kapital sottoskritt mill-Istati Membri u terz wieħed tal-membri tal-Bord intitolat għal vot, għajr jekk ma jkunx ipprovdut mod ieħor fl-Istatut. Il-Bord huwa ppresedut mill-President f'kapaċità mhux votanti.

Il-Kumitat ta' Tmexxija huwa l-korp residenti tal-Bank li jieħu d-deċiżjonijiet. Jissorvelja l-ħidma ta' kuljum tal-Bank, jipprepara d-deċiżjonijiet għall-Bord tad-Diretturi u jiżgura li dawn jiġu implimentati. Jiltaqa' darba fil-ġimgħa. Jaħdem taħt l-awtorità tal-President u s-superviżjoni tal-Bord tad-Diretturi. It-tmien membri l-oħra huma l-Viċi-Presidenti tal-BEI. Il-membri jiġu maħtura għal perjodu li jista' jiġġedded sa sitt snin u huma responsabbli għall-Bank biss.

Il-Bank għandu **Kumitat ta' Verifika** indipendenti li jwieġeb direttament għall-Bord ta' Gvernaturi. Huwa responsabbli għall-verifika tal-kontijiet tal-Bank u biex jivverifika li l-attivitajiet tal-Bank huma konformi mal-aħjar prattika bankarja. Ir-rendikont tal-Kumitat ta' Verifika huwa sottomess għall-Bord tal-Gvernaturi flimkien mar-rapport annwali tal-Bord tad-Diretturi. Il-Kumitat ta' Verifika huwa magħmul minn sitt membri maħtura għal terminu li ma jistax jiġġedded ta' sitt snin finanzjarji konsekuttivi.

Is-sostituzzjoni tal-kapital tar-Renju Unit

Il-Gvernaturi tal-BEI b'mod unanimu fl-2019 qablu li t-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea mhu se jkollu l-ebda impatt fuq il-bażi kapitali sottoskritta soda tal-BEI. Is-sehem tar-Renju Unit tal-kapital imħallas tal-BEI qabel il-Brexit irrappreżenta €3.5 biljun, flimkien ma' €35.7 biljuni ta' kapital eżerċitabbli. Skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ, il-kapital sottoskritt tar-Renju Unit ġiet sostitwit b'żieda pro rata fil-kapital tas-27 Stat Membru. Ir-Renju Unit se jipprovdi garanzija għal ammont ugwali għall-kapital eżerċitabbli tiegħu u l-BEI se jħallas lura s-sehem imħallas tar-Renju Unit matul 12-il pagament annwali. Id-deċiżjoni tar-Renju Unit li joħroġ mill-UE mhu se jkollha l-ebda impatt materjali fuq il-klassifikazzjoni tal-kreditu AAA tal-Grupp tal-BEI. Il-Grupp tal-BEI se jirrispetta bis-sħiħ il-kuntratti ta' finanzjament eżistenti għall-proġetti u l-investimenti fir-Renju Unit. Barra minn dan, il-kapital tal-BEI sottoskritt mill-Polonja u r-Rumanija żdied fl-1 ta' Marzu 2020, li pprovda lill-BEI b'bażi kapitali ogħla minn qabel il-Brexit.

PUNTI EWLENIN

MILL-PJAN OPERAZZJONALI TAL-BANK EWROPEW TAL-INVESTIMENT GĦALL-2020

- Il-prijorità l-aktar ċara se tkun il-ħidma fil-qasam tal-**azzjoni dwar il-klima u s-sostenibbiltà ambjentali.** Bl-impenn tal-Bank Ewropew tal-Investiment li jiddedika mill-inqas 50% tal-finanzjament tiegħu għal dan u l-mira tal-Grupp tal-BEI li jiftaħ aktar minn €1 triljun ta' investiment matul id-deċennju li jmiss, fl-2020 se nagħtu bidu għall-aġġustamenti meħtieġa. Sat-tmiem tal-2020, se nrażżnu l-attivitajiet finanzjarji kollha li mhumiex allinjati mal-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi.

- **Il-koeżjoni u l-konverġenza ekonomika u soċjali** jibqgħu l-ġustifikazzjoni statutorja għall-Bank. Il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE li jmiss se topera mill-2021 sal-2027, u bħalissa huwa stmat li l-għadd ta' reġjuni inqas żviluppati u ta' tranżizzjoni se jikber taħt il-kriterji tal-eliġibbiltà l-ġodda. Il-Bank Ewropew tal-Investiment se jaħdem flimkien mal-Kummissjoni Ewropea, b'mod partikolari fuq il-Mekkaniżmu għal Tranżizzjoni Ġusta propost biex jgħin lil reġjuni li bħalissa huma aktar dipendenti fuq il-karburanti fossili fi-tranżizzjoni tagħhom lejn ekonomiji reżiljenti b'użu baxx tal-karbonju.

- Il-Grupp tal-BEI se jkompli bit-tħejjijiet għall-implimentazzjoni tal-mandati tal-UE fil-**Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2020** u n-negozjati mal-Kummissjoni dwar il-prodotti finanzjarji li għandhom jitniedu. It-test preliminari tar-Regolament **InvestEU** ġie adottat f'April 2019 u jikkonferma r-rwol tal-Grupp tal-BEI bħala l-imsieħeb ewlieni, responsabbli għat-twettiq ta' 75% tal-programm. L-**Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali** propost mill-Kummissjoni se jipprovdi garanzija baġitarja u strumenti finanzjarji għall-Grupp tal-BEI biex ikompli bir-rwol tiegħu bħala msieħeb strateġiku barra mill-UE.

- Il-Kunsill Ewropew beda diskussjoni biex itejjeb l-effiċjenza u l-impatt tal-arkitettura Ewropea tal-**finanzjament għall-iżvilupp**, fir-rigward tar-rwoli tal-Kummissjoni, tal-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp u l-Bank Ewropew tal-Investiment. L-opzjonijiet, inkluż it-twaqqif ta' sussidjarja tal-BEI għall-finanzjament għall-iżvilupp, se jiġu studjati aktar fl-2020.

- Wara rieżami profond tal-attivitajiet tal-ekwità tiegħu, **Strateġija dwar l-Ekwità tal-Grupp** ġdida se timmira li tindirizza aħjar id-distakki fl-investiment fis-suq tal-ekwità u tħeġġeġ l-inklużjoni ta' kapital privat biex jinkiseb l-akbar impatt tal-politika. Settur finanzjarju aktar diversifikat b'sehem ogħla ta' finanzjament ta' ekwità se jgħin biex jistabbilizza s-sistema finanzjarja u jtejjeb l-aċċess għall-finanzjament għal intraprendituri dinamiċi u innovattivi fl-UE.

- L-**orjentazzjoni tal-firem għall-2020 hija ta' €63 biljun,** li bħalissa qed nistennew li tkompli fl-istess livell għall-2021-2022.

Il-verżjoni pubblika sħiħa tal-Pjan Operazzjonali għall-2020 tista' tiġi kkonsultata fuq https://www.eib.org/en/publications/operational-plan-2020.

It-tibdil fil-klima huwa l-ikbar theddida għall-umanità. Iżda tant nies jeħtieġu jirrispondu f'modi tant differenti li huwa diffiċili tkun taf dak li int għandek tagħmel. **Soluzzjonijiet għall-Klima** tispjega l-isfidi, tistabbilixxi s-soluzzjonijiet u turik eżattament dawk li int tista' tagħmel biex dawn iseħħu. Sew jekk int tfassal il-politika, istituzzjoni finanzjarja jew ċittadin, **Soluzzjonijiet għall-Klima** hija l-lista tal-kontroll tiegħek biex issalva l-umanità.

Isma' l-podcast ta' Soluzzjonijiet għall-Klima **https://www.eib.org/climate-podcast**
Aqra l-kontenut espert fuq il-blogg tagħna **https://www.eib.org/climate-solutions**
Niżżel il-ktieb elettroniku **https://www.eib.org/climate-ebook**

IL-FIL EKOLOĠIKU

RAPPORT TAL-ATTIVITÀ 2019



Grupp tal-Bank Ewropew tal-Investiment

Il-Grupp tal-BEI huma magħmul mill-Bank Ewropew tal-Investiment u l-Fond Ewropew tal-Investiment.

print: ISBN 978-92-861-4628-2
pdf: ISBN 978-92-861-4619-0

MT 05/2020